Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2024/0035(COD)

5.3.2025

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI (riformulazzjoni)
(COM(2024)0060 – C9-0028/2024 – 2024/0035(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Heléne Fritzon

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fis-6 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat il-proposta leġiżlattiva tagħha għal riformulazzjoni tad-Direttiva 2011/93/UE dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI. Din il-proposta għandha l-għan li tarmonizza l-liġi kriminali fl-UE kollha billi tindirizza reati bħall-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, il-grooming, l-attakk sesswali u l-istupru. Id-Direttiva għandha l-għan ukoll li tistabbilixxi miżuri robusti għall-identifikazzjoni u r-rapportar ta' abbuż sesswali tat-tfal online, il-prevenzjoni ta' tali reati, u l-appoġġ għall-vittmi.

L-abbuż sesswali tat-tfal huwa kwistjoni li dejjem tikber kemm online kif ukoll offline. Fl-2023 biss, kien hemm 1,3 miljun rapport ta' abbuż sesswali tat-tfal fl-UE, u dan jammonta għal aktar minn 3,4 miljun stampa u vidjo. Fuq livell dinji, ir-rapporti żdiedu minn miljun fl-2010 għal kważi 35,9 miljun fl-2023, inklużi 105,6 miljun stampa u vidjo. B'mod allarmanti, 9 minn 10 vittmi huma bniet, skont id-data tal-INHOPE. Skont il-Fondazzjoni Internet Watch, l-UE għadha tospita l-maġġoranza tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal fuq livell dinji, u 59 % ta' tali kontenut huwa ospitat fl-Istati Membri.

Il-proposta tenfasizza l-ħtieġa li jiġi indirizzat l-użu ħażin tal-pjattaformi diġitali għad-distribuzzjoni tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u l-grooming. Dawn ir-reati huma mmirati b'mod predominanti lejn il-bniet u n-nisa żgħażagħ, u l-maġġoranza tal-awturi huma rġiel. Ir-rapporteur tenfasizza l-importanza kritika li l-abbuż sesswali tat-tfal jiġi rikonoxxut bħala forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u li jiġu inkorporati approċċi speċifiċi għall-ġeneru biex dawn ir-reati jiġu miġġielda b'mod effettiv.

Ir-rapporteur tissuġġerixxi emendi għall-miżuri ta' prevenzjoni permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati skont l-età u l-ġeneru. Filwaqt li tenfasizza l-prinċipju li "iva" espliċita u informata biss tikkostitwixxi kunsens, id-direttiva trid tiżgura li l-kunsens ikun ċentrali għall-miżuri kollha ta' prevenzjoni u appoġġ. L-appoġġ għall-vittmi u s-superstiti jrid ikun speċjalizzat u jinkludi perspettiva integrata tal-ġeneru. Għal dan l-għan, il-ħolqien ta' Ċentru tal-UE huwa appoġġat bis-sħiħ, flimkien mal-istabbiliment ta' Bord Konsultattiv magħmul minn superstiti u esperti tad-drittijiet tat-tfal. Dan il-bord ikun jipprovdi gwida dwar id-drittijiet tat-tfal, l-istrateġiji ta' prevenzjoni, u l-appoġġ għall-vittmi għall-istrutturi ta' governanza taċ-Ċentru tal-UE.

Fl-aħħar nett, ir-rapporteur temmen li din id-Direttiva tista' tagħmel differenza sinifikanti fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal fir-rigward tat-tfal kollha. Dan it-tkabbir esponenzjali fit-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jissottolinja l-urġenza ta' leġiżlazzjoni aġġornata.

EMENDA

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jippreżenta lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, dan li ġej:

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Ir-riċerka wriet li l-limitazzjoni tat-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mhix biss kruċjali biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni marbuta maċ-ċirkolazzjoni ta' stampi u filmati tal-abbuż iżda hija essenzjali wkoll bħala forma ta' prevenzjoni għan-naħa tat-trasgressuri, peress li l-aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal spiss ikun l-ewwel pass lejn abbuż prattiku, irrispettivament minn jekk jurix abbuż u sfruttament reali jew wieħed sempliċiment realistiku. L-iżvilupp kontinwu ta' applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali li kapaċi joħolqu stampi realistiċi li ma jintgħarfux minn stampi reali, l-għadd tal-hekk imsejħa stampi u vidjos "deep-fake" li juru abbuż sesswali tat-tfal huwa mistenni li jikber b'mod esponenzjali fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' ambjenti ta' realtà ***miżjuda***, estiża u virtwali li jagħmlu użu minn avatars inkluż feedback sensorjali, pereżempju permezz ta' apparati li jipprovdu perċezzjoni tal-mess mhumiex koperti bis-sħiħ mid-definizzjoni eżistenti. Jenħtieġ li l-inklużjoni ta' referenza espliċita għal "riproduzzjonijiet u rappreżentazzjonijiet" tiżgura li d-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal tkopri dawn l-iżviluppi teknoloġiċi u dawk futuri b'mod li jkun teknoloġikament newtrali biżżejjed u għalhekk validu għall-futur.	(11) ***L-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal għandhom komponent qawwi ta' ġeneru, li jaffettwa b'mod sproporzjonat lill-bniet, u għalhekk jikkwalifikaw bħala forma estrema ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru. Il-bniet jikkostitwixxu l-maġġoranza l-kbira tal-vittmi murija f'materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u huma rappreżentati żżejjed b'mod sinifikanti f'każijiet ta' sollečitazzjoni tat-tfal għal skopijiet sesswali. B'kuntrast ma' dan, il-maġġoranza l-kbira tal-awturi huma rġiel. Ir-rapporti juru li 9 minn 10 vittmi huma tfajliet[1a].*** Ir-riċerka wriet li l-limitazzjoni tat-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mhix biss kruċjali biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni marbuta maċ-ċirkolazzjoni ta' stampi u filmati tal-abbuż iżda hija essenzjali wkoll bħala forma ta' prevenzjoni għan-naħa tat-trasgressuri, peress li l-aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal spiss ikun l-ewwel pass lejn abbuż prattiku, irrispettivament minn jekk jurix abbuż u sfruttament reali jew wieħed sempliċiment realistiku. ***L-użu ta' teknoloġiji emerġenti, bħall-intelliġenza artifiċjali, ir-realtà virtwali, ir-realtà estiża, id-deepfakes jew għodod nudifikanti oħra, iwassal għall-ħolqien u t-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mhux veritier, filwaqt li spiss huwa mmirat b'mod sproporzjonat lejn il-bniet. Il-faċilità li biha jistgħu jintużaw it-teknoloġiji emerġenti u l-għarfien espert tekniku minimu meħtieġ biex jiġi ġġenerat tali materjal anke fuq skala industrijali żiedu l-urġenza li din il-kwistjoni tiġi indirizzata. Dawn it-teknoloġiji spiss jintużaw ħażin għal reati sesswali tat-tfal fil-media soċjali, in-***

networking, il-kuntesti tal-logħob online kif ukoll f'applikazzjonijiet iġġenerati mill-intelliġenza artifiċjali mfassla biex jinvolvu lit-tfal u jżidu r-riskji bħas-solleċitazzjoni, il-grooming, l-esponiment għal kontenut ta' ħsara, u l-isfruttament sesswali jew l-abbuż sesswali tat-tfal. Barra minn hekk, l-iżvilupp kontinwu ta' applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali li kapaċi joħolqu stampi realistiċi li ma jintgħarfux minn stampi reali, l-għadd tal-hekk imsejħa stampi u vidjos "deep-fake" li juru abbuż sesswali tat-tfal huwa mistenni li jikber b'mod esponenzjali fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' ambjenti ta' realtà ***awmentata***, estiża u virtwali li jagħmlu użu minn avatars inkluż feedback sensorjali, pereżempju permezz ta' apparati li jipprovdu perċezzjoni tal-mess mhumiex koperti bis-sħiħ mid-definizzjoni eżistenti***. Barra minn hekk, intwera li l-preġudizzji fis-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali jiġġeneraw b'mod sproporzjonat stampi ta' sfruttament tal-bniet, li jirriflettu u jamplifikaw il-maġġoranza l-kbira tal-materjal eżistenti ta' abbuż sesswali tat-tfal. Għalhekk, jenħtieġ li jitqies li jeżisti riskju li l-użu tal-intelliġenza artifiċjali fil-ġenerazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jikkontribwixxi għall-vittimizzazzjoni b'mod sproporzjonat ta' ċerti gruppi, bħall-bniet.*** Jenħtieġ li l-inklużjoni ta' referenza espliċita għal "riproduzzjonijiet u rappreżentazzjonijiet" tiżgura li d-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal tkopri dawn l-iżviluppi teknoloġiċi u dawk futuri b'mod li jkun teknoloġikament newtrali biżżejjed u għalhekk validu għall-futur.

[1a] Ir-rapport annwali tal-2023 tal-INHOPE https://www.inhope.org/EN/articles/inhope-annual-report-2023

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) It-tfal huma konnessi dejjem aktar minn età bikrija, u l-bniet huma partikolarment vulnerabbli għar-riskju li jiltaqgħu mal-vjolenza ċibernetika u li jkunu vittmi tagħha. L-istudji juru li mara minn kull 10 tesperjenza xi forma ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru mill-età ta' 15-il sena [1a], u 58 % tal-bniet jirrapportaw li ffaċċjaw fastidju online [1b]. Tlieta minn kull ħamest ibniet esperjenzaw mill-inqas ħsara sesswali waħda online, u t-tfal LGBTIQ+ jiffaċċjaw riskji ogħla li jesperjenzaw ħsara sesswali online. Il-vjolenza sesswali online, inklużi l-fastidju sesswali, l-abbuż u l-grooming, laħqet livelli mingħajr preċedent, u taffettwa b'mod sproporzjonat lill-bniet u lit-tfajliet. Il-bniet huma b'mod sproporzjonat aktar esposti għal sesstorsjoni motivata sesswalment, u l-materjali ta' abbuż sesswali tat-tfal li juru l-bniet qed isiru dejjem aktar bħala munita proprja, li tiġi nnegozjata fost it-trasgressuri, u b'hekk jiġu aggravati l-istereotipi sottostanti soċjali u marbuta mal-ġeneru u l-inugwaljanzi li jipperpetwaw dawn l-abbużi. Id-distribuzzjoni mhux kunsenswali tal-istampi turi b'mod qawwi lit-tfajliet, u tesponihom għal trawma enormi u dan jista' jwassal ukoll għal episodji ta' awtokorriment. Huwa essenzjali li perspettiva tal-ġeneru tiġi integrata fil-miżuri kollha mfassla għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online u l-interċettazzjoni tas-sollečitazzjoni online tat-tfal għal skopijiet sesswali, filwaqt li jiġu indirizzati wkoll il-kawżi ewlenin tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u jiġi żgurat li l-pjattaformi diġitali jinkorporaw miżuri robusti, inklużi atti rilevanti dwar id-drittijiet tal-bniedem jew leġiżlazzjoni reċenti dwar il-vjolenza kontra n-nisa, inkluża l-vjolenza

	ċibernetika, fil-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza ċibernetika, biex jiġu protetti l-utenti vulnerabbli filwaqt li jiġu indirizzati r-riskji sistemiċi u sproporzjonati li jiffaċċjaw il-bniet u n-nisa.
	[1a] Il-pubblikazzjoni tal-EIGE dwar il-vjolenza ċibernetika kontra n-nisa u l-bniet: https://eige.europa.eu/newsroom/news/cyber-violence-growing-threat-especially-women-and-girls?
	[1b] Ir-rapport tal-2023 tal-GREVIO https://www.coe.int/en/web/cyberviolence/cyberviolence-against-women

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 11b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11b) Jenħtieġ li l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal mhux irrapportati jiġu indirizzati, li jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-każijiet. L-abbuż sesswali tat-tfal iseħħ ukoll f'ambjenti tal-familja fejn il-vjolenza domestika tkun prevalenti u għalhekk ikun diffiċli li jiġi identifikat u rrapportat. Dan jenfasizza l-ħtieġa għal leġiżlazzjoni li tipproteġi, tappoġġa u tipprovdi rimedju komprensiv għall-vittmi u s-superstiti, irrispettivament mill-eżistenza ta' proċedimenti kriminali. Qafas istituzzjonali adegwat huwa essenzjali biex jiġu garantiti d-drittijiet tat-tfal. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li din id-Direttiva tipprovdi qafas legali għall-ħolqien ta' mekkaniżmi armonizzati fil-fażijiet tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, il-protezzjoni, ir-rapportar u r-riparazzjoni biex jiġi żgurat rispons komprensiv u effettiv għal dawn ir-reati.

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premessa 11c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11c) L-abbuż sesswali tat-tfal jista' jiġi aggravat meta jikkoinċidi ma' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, il-ġeneru jew kwalunkwe raġuni oħra kif imsemmi fl-Artikolu 21 tal-Karta, jiġifieri r-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali ("diskriminazzjoni intersezzjonali"). Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu kif xieraq il-vittmi affettwati minn tali diskriminazzjoni intersezzjonali billi jieħdu miżuri speċifiċi biex iqisu dak il-livell ogħla ta' riskju meta jimplimentaw il-miżuri previsti f'din id-Direttiva.

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Premessa 11d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11d) It-tfal b'diżabbiltà huma partikolarment vulnerabbli għall-abbuż u l-isfruttament sesswali, b'mod partikolari l-aborti furzati, l-isterilizzazzjonijiet furzati u l-vjolenza sesswali. L-Unjoni, bħala parti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità (CRPD), hija marbuta wkoll bl-obbligi tal-konvenzjoni fir-rigward tal-protezzjoni tat-tfal b'diżabbiltà mill-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal. Barra minn hekk, l-abbuż u l-isfruttament sesswali jistgħu jwasslu għal diżabbiltà fit-tfal, u dan jista' jaffettwa l-

iżvilupp tagħhom fil-ħajja.

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Premessa 11e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11e) Il-vjolenza, l-abbuż u n-negliġenza kontra t-tfal huma aktar prevalenti f'ambjenti istituzzjonali. It-tfal fl-orfanatrofji huma partikolarment f'riskju ta' vjolenza (bħall-abbuż verbali, is-swat u t-tortura fiżika), abbuż sesswali (bħall-istupru), u ħsara psikoloġika (bħall-iżolament, il-fastidju u d-dixxiplina umiljanti) [1a].
	[1a] https://www.hopeandhomes.org/why-it-matters/how-orphanages-harm-children/

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jiġu evitati reati li jinvolvu l-abbuż sesswali tat-tfal, ***id-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jenħtieġ li tinkludi l-hekk imsejħa "manwali għall-pedofili"***. Il-manwali ***għall-pedofili*** jipprovdu pariri dwar kif għandhom jinstabu, jiġu soġġetti għal grooming u abbużati t-tfal u kif wieħed jista' jevita li jiġi identifikat u ***prosegwit***. Billi jnaqqsu l-ostakli u jipprovdu l-għarfien prattiku meħtieġ, dawn jikkontribwixxu biex jinċitaw lit-trasgressuri u jappoġġaw it-twettiq ta' abbuż sesswali. It-tixrid online tagħhom diġà wassal lil ċerti Stati Membri biex jemendaw il-liġi kriminali tagħhom u jikkriminalizzaw b'mod espliċitu l-pussess	(12) Sabiex jiġu evitati reati li jinvolvu l-abbuż sesswali tat-tfal, ***din id-Direttiva jenħtieġ li tiddefinixxi u tindirizza wkoll l-hekk imsejħa manwali ta' struzzjoni dwar l-abbuż sesswali tat-tfal***. Il-manwali ***ta' struzzjoni*** jipprovdu pariri dwar kif għandhom jinstabu, jiġu soġġetti għal grooming u abbużati t-tfal u kif wieħed jista' jevita li jiġi identifikat u ***jitressaq għall-prosekuzzjoni. Bl-enfasi espliċita u speċifika tagħhom fuq kif persuna tista' twettaq abbuż sesswali tat-tfal mingħajr ma tinqabad, tali manwali ta' struzzjoni jistgħu jiġu distinti b'mod ċar minn pariri ġenerali dwar, fost l-oħrajn, il-privatezza, l-anonimità online u l-evitar tas-sorveljanza, li jenħtieġ li ma jiġux***

u d-distribuzzjoni ta' tali manwali. In-nuqqas ta' armonizzazzjoni joħloq livell mhux uniformi ta' protezzjoni fl-UE kollha.

kriminalizzati. Billi jnaqqsu l-ostakli u jipprovdu l-għarfien prattiku meħtieġ, dawn jikkontribwixxu biex jinċitaw lit-trasgressuri u jappoġġaw it-twettiq ta' abbuż sesswali. It-tixrid online tagħhom diġà wassal lil ċerti Stati Membri biex jemendaw il-liġi kriminali tagħhom u jikkriminalizzaw b'mod espliċitu l-pussess u d-distribuzzjoni ta' tali manwali. In-nuqqas ta' armonizzazzjoni joħloq livell mhux uniformi ta' protezzjoni fl-UE kollha.

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Is-solleċitazzjoni tat-tfal għal skopijiet sesswali hija theddida b'karatteristiċi speċifiċi fil-kuntest tal-Internet, billi dan jagħti anonimità mingħajr preċedent lill-utenti minħabba li jistgħu jaħbu l-identità vera tagħhom u l-karatteristiċi personali ta' dak li jkun, bħalma hi l-età tagħhom. Fl-aħħar deċennju, l-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni pprovda lit-trasgressuri b'aċċess dejjem aktar faċli għat-tfal, fejn il-kuntatt spiss jibda bit-trasgressur iħajjar lit-tfal, pereżempju, billi jippretendi li jkun tamparhom jew bi mġiba oħra qarrieqa jew kumplimentuża, biex jispiċċaw f'sitwazzjonijiet kompromettenti. Dan l-aċċess akbar għat-tfal wassal għat-tkabbir rapidu ta' fenomeni bħas-"sesstorsjoni" (jiġifieri l-imġiba ta' theddid li jiġi kondiviż materjal intimu li juri lill-vittma biex wieħed jikseb flus, materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jew xi benefiċċju ieħor), li jaffettwaw lit-tfal kemm taħt l-età tal-kunsens sesswali kif ukoll dawk li qabżuha. Fl-aħħar snin, kien hemm żieda ta' sesstorsjoni motivata finanzjarjament minn gruppi tal-kriminalità organizzata	(22) Is-solleċitazzjoni tat-tfal għal skopijiet sesswali hija theddida b'karatteristiċi speċifiċi fil-kuntest tal-Internet, billi dan jagħti anonimità mingħajr preċedent lill-utenti minħabba li jistgħu jaħbu l-identità vera tagħhom u l-karatteristiċi personali ta' dak li jkun, bħalma hi l-età tagħhom. Fl-aħħar deċennju, l-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni pprovda lit-trasgressuri b'aċċess dejjem aktar faċli għat-tfal, fejn il-kuntatt spiss jibda bit-trasgressur iħajjar lit-tfal, pereżempju, billi jippretendi li jkun tamparhom jew bi mġiba oħra qarrieqa jew kumplimentuża, biex jispiċċaw f'sitwazzjonijiet kompromettenti. Dan l-aċċess akbar għat-tfal wassal għat-tkabbir rapidu ta' fenomeni bħas-"sesstorsjoni" (jiġifieri l-imġiba ta' theddid li jiġi kondiviż materjal intimu li juri lill-vittma biex wieħed jikseb flus, materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jew xi benefiċċju ieħor), li jaffettwaw lit-tfal kemm taħt l-età tal-kunsens sesswali kif ukoll dawk li qabżuha. Fl-aħħar snin, kien hemm żieda ta' sesstorsjoni motivata finanzjarjament minn gruppi tal-kriminalità organizzata

mmirati b'mod partikolari lejn subien adoloxxenti, li wasslet għal diversi każijiet fejn dawk it-tfal neħħew ħajjithom. Għalhekk, huwa essenzjali li dawn il-fenomeni kollha jkunu koperti b'mod xieraq fil-liġi tal-Istati Membri. Fl-istess waqt, l-Istati Membri jirrikonoxxu l-importanza tal-ġlieda wkoll kontra s-solleċitazzjoni ta' ***tifel/tifla*** barra mill-kuntest tal-Internet, b'mod partikolari fejn tali solleċitazzjoni ma ssirx bl-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri huma inkoraġġiti jikkriminalizzaw l-imġiba fejn is-solleċitazzjoni ta' ***tifel/tifla*** għal laqgħa ***mal-akkużat*** għal skopijiet sesswali sseħħ fil-preżenza jew fil-prossimità ***tat-tifel/tifla***, pereżempju fil-forma ta' reat preparatorju partikolari, tentattiv ta' kommissjoni ta' reati msemmija f'din id-Direttiva jew bħala forma partikolari ta' abbuż sesswali. Tkun liema tkun is-soluzzjoni ġuridika magħżula għall-kriminalizzazzjoni tal-"grooming offline", l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li ***jipprosegwixxu kontra l-awturi*** ta' tali reati.

mmirati b'mod partikolari lejn subien adoloxxenti, li wasslet għal diversi każijiet fejn dawk it-tfal neħħew ħajjithom. Għalhekk, huwa essenzjali li dawn il-fenomeni kollha jkunu koperti b'mod xieraq fil-liġi tal-Istati Membri. Fl-istess waqt, l-Istati Membri jirrikonoxxu l-importanza tal-ġlieda wkoll kontra s-solleċitazzjoni ta' ***tfal*** barra mill-kuntest tal-Internet, b'mod partikolari fejn tali solleċitazzjoni ma ssirx bl-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri huma inkoraġġiti jikkriminalizzaw l-imġiba fejn is-solleċitazzjoni ta' ***tfal*** għal laqgħa ***mat-trasgressur*** għal skopijiet sesswali sseħħ fil-preżenza jew fil-prossimità ***tat-tfal***, pereżempju fil-forma ta' reat preparatorju partikolari, tentattiv ta' kommissjoni ta' reati msemmija f'din id-Direttiva jew bħala forma partikolari ta' abbuż sesswali. Tkun liema tkun is-soluzzjoni ġuridika magħżula għall-kriminalizzazzjoni tal-"grooming offline", l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li ***jipproċedu bil-prosekuzzjoni tal-awturi*** ta' tali reati. ***Dan jinkludi kwalunkwe mġiba mmirata lejn il-bini ta' relazzjoni ta' fiduċja ma' tfal għall-fini ta' abbuż u sfruttament sesswali tat-tfal, bħall-manipulazzjoni, il-flatterija, l-istruzzjonijiet permezz ta' telefonati jew l-użu ta' mezzi diġitali biex it-tfal jiġu mġiegħla jew mħajjra jidħlu f'sitwazzjonijiet perikoluż. Jenħtieġ li l-awturi li jġiegħlu jew jimmanipulaw lit-tfal bil-ħsieb li jwettqu reati skont din id-Direttiva jinżammu responsabbli u soġġetti għall-prosekuzzjoni skont din id-Direttiva. Il-grooming huwa riskju aggravat għat-tfal b'vulnerabbiltajiet, bħal dawk bi problemi ta' saħħa mentali, bi stima personali baxxa, b'diffikultajiet fl-identità tal-ġeneru tagħhom, jew għat-tfal li jkunu sofrew minn bullying, iżolati fl-iskola, kif ukoll dawk bi problemi familjari, jew b'passat ta' abbuż, bħall-vjolenza domestika jew l-abbuż sesswali[1a].***

1a

https://cesie.org/en/resources/cesagram-report-grooming-missing-minors/

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Din id-Direttiva ma tirregolax il-linji politiċi tal-Istati Membri rigward attivitajiet sesswali kunsenswali li fihom jistgħu jkunu involuti t-tfal u li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala l-iskoperta normali tas-sesswalità fil-kors tal-iżvilupp uman, b'kont meħud tat-tradizzjonijiet kulturali u legali differenti u ta' forom ġodda fejn jiġu stabbiliti u jinżammu relazzjonijiet fost it-tfal u l-adolexxenti, inkluż permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri li jużaw il-possibilitajiet imsemmija f'din id-Direttiva, jenħtieġ li jagħmlu dan fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom. ***B'mod aktar partikolari***, jenħtieġ li l-Istati Membri ***jkunu jistgħu*** jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu esklużivament tfal li jaqbżu l-età tal-kunsens sesswali, kif ukoll attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu lill-pari. L-emendi ta' dan l-Artikolu huma maħsuba biex jiċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga, fid-dawl tal-fatt li xi Stati Membri jidhru li interpretaw il-formulazzjoni oriġinali tagħha b'mod wiesa' wisq (pereż. billi jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet kunsenswali bejn minuri li jaqbżu l-età tal-kunsens u adulti ta' kwalunkwe età, meqjusa bħala "pari" minkejja differenza sinifikanti fl-età).	(24) Din id-Direttiva ma tirregolax il-linji politiċi tal-Istati Membri rigward attivitajiet sesswali kunsenswali li fihom jistgħu jkunu involuti t-tfal u li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala l-iskoperta normali tas-sesswalità fil-kors tal-iżvilupp uman, b'kont meħud tat-tradizzjonijiet kulturali u legali differenti u ta' forom ġodda fejn jiġu stabbiliti u jinżammu relazzjonijiet fost it-tfal u l-adolexxenti, inkluż permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri li jużaw il-possibilitajiet imsemmija f'din id-Direttiva, jenħtieġ li jagħmlu dan fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom. ***Madankollu, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal u tal-Kumitat ta' Lanzarote***, jenħtieġ li l-Istati Membri jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu esklużivament tfal li jaqbżu l-età tal-kunsens sesswali, kif ukoll attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu lill-pari. L-emendi ta' dan l-Artikolu huma maħsuba biex jiċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga, fid-dawl tal-fatt li xi Stati Membri jidhru li interpretaw il-formulazzjoni oriġinali tagħha b'mod wiesa' wisq (pereż. billi jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet kunsenswali bejn minuri li jaqbżu l-età tal-kunsens u adulti ta' kwalunkwe età, meqjusa bħala "pari" minkejja differenza sinifikanti fl-età). ***Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet relatati mal-età tal-kunsens ma jiġux interpretati***

	b'mod li jillimita, bi kwalunkwe mod, il-kriminalizzazzjoni tal-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal li laħqu l-età tal-kunsens jew qabżuha, peress li t-tfal ma jistgħux jagħtu kunsens għall-abbuż sesswali u għaldaqstant għall-vjolenza sesswali.

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) L-inkapaċità fiżika jew mentali skont din id-Direttiva jenħtieġ li tinftiehem bħala li tinkludi wkoll l-istat tal-inkapaċità fiżika jew mentali kkawżata mill-influwenza tad-drogi u l-alkoħol.	(26) L-inkapaċità fiżika jew mentali skont din id-Direttiva jenħtieġ li tinftiehem bħala li tinkludi wkoll l-istat tal-inkapaċità fiżika jew mentali kkawżata mill-influwenza tad-drogi u l-alkoħol. ***Huwa essenzjali li jiġi rikonoxxut li individwi fi stat ta' inkapaċità ma jistgħux jagħtu kunsens informat u volontarju, u dan jagħmel kwalunkwe att sesswali f'ċirkostanzi bħal dawn intrinsikament mhux kunsenswali.***

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Il-vittmi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal spiss ma jkunux jistgħu jirrapportaw ir-reat għal diversi għexieren ta' snin wara li jkun twettaq minħabba l-mistħija, il-ħtija u l-awtoħtija, li jistgħu jkunu relatati, fost l-oħrajn, mal-istigma soċjali u kulturali li għad hemm rigward l-abbuż sesswali, is-segretezza li fiha jseħħ l-abbuż, l-imġiba ta' theddid jew l-għoti ta' ħtija mill-awtur tar-reat, u/jew it-trawma. L-awturi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, għall-kuntrarju ta' awturi ta' reati	(31) Il-vittmi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal***, partikolarment il-bniet,*** spiss ma jkunux jistgħu jirrapportaw ir-reat għal diversi għexieren ta' snin wara li jkun twettaq minħabba l-mistħija, il-ħtija u l-awtoħtija, li jistgħu jkunu relatati, fost l-oħrajn, mal-istigma soċjali u kulturali li għad hemm rigward l-abbuż sesswali, is-segretezza li fiha jseħħ l-abbuż, l-imġiba ta' theddid jew l-għoti ta' ħtija mill-awtur tar-reat, u/jew it-trawma. ***Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tal-każijiet ta' abbuż sesswali kontra t-tfal***

vjolenti oħra, għandhom it-tendenza li jibqgħu attivi sal-età avvanzata, u jkomplu jkunu ta' theddida għat-tfal. Fid-dawl ta' dan, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta' reati li jinvolvu abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, kif ukoll assistenza u appoġġ xierqa għall-vittmi, jistgħu jiġu pprovduti biss jekk l-istatuti tal-limitazzjonijiet jippermettu lill-vittmi jirrapportaw ir-reat għal perjodu ta' żmien estiż b'mod sinifikanti.

jinvolvu membri tal-familja jew persuni fiċ-ċirku intern tat-tfal, u dan għandu konsegwenzi fuq tul ta' żmien prolongat tal-abbuż, l-istigma msemmija hawn fuq u l-faċilità li biha l-awturi jistgħu jaċċessaw lit-tfal. L-awturi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, għall-kuntrarju ta' awturi ta' reati vjolenti oħra, għandhom it-tendenza li jibqgħu attivi sal-età avvanzata, u jkomplu jkunu ta' theddida għat-tfal. Fid-dawl ta' dan, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta' reati li jinvolvu abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, kif ukoll assistenza u appoġġ xierqa għall-vittmi, jistgħu jiġu pprovduti biss jekk l-istatuti tal-limitazzjonijiet jippermettu lill-vittmi jirrapportaw ir-reat għal perjodu ta' żmien estiż b'mod sinifikanti. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jimplimentaw il-miżuri meħtieġa biex jissalvagwardjaw il-benesseri u s-saħħa mentali tat-tfal, kif ukoll l-irkupru minn stress postrawmatiku billi jiżguraw protezzjoni adegwata tal-identità u tad-dettalji personali tal-vittmi mill-iżvelar pubbliku fuq il-media f'każijiet ġudizzjarji li jinvolvu tfal vittmi ta' abbuż sesswali. Jenħtieġ li t-tfal jiġu protetti mill-esponiment żejjed pubbliku, peress li tali żvelar jista' joħloq profil tal-vittmi, jimmirahom, jew jittrawmatizzahom mill-ġdid.***

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Premessa 31a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(31a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrikonoxxu d-dritt tal-vittmi li jiddefinixxu lilhom nfushom bħala superstiti, mifhuma bħala persuna li esperjenzat abbuż jew sfruttament sesswali tat-tfal, irrispettivament mill-istatus legali tagħha u r-rikonoxximent tagħha bħala vittma ta' reat minn sistema

	legali. Dan iqis il-fażijiet differenti li tgħaddi minnhom vittma ta' abbuż u sfruttament sesswali, u għandu l-għan li jevita r-rivittimizzazzjoni

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Xi forom ta' abbuż sesswali tat-tfal online, bħax-xandir b'live streaming tal-abbuż tat-tfal, spiss imwettaq fiżikament minn persuni preżenti f'pajjiżi terzi fuq talba ta' awturi ta' reati li jħallsu fl-UE, joħolqu sfidi investigattivi partikolari, peress li l-abbuż imxandar normalment ma jħallix stampi jew traċċi rreġistrati warajh. Il-kooperazzjoni mas-servizzi finanzjarji definiti fl-Artikolu 2, il-punt (b), tad-Direttiva 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] u ma' fornituri ta' servizzi rilevanti oħra tista' tkun kruċjali biex jingħelbu l-isfidi fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' tali reati. Għalhekk, biex jiġu żgurati investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw li jipprovdu oqfsa għal kooperazzjoni mill-qrib bejn is-servizzi finanzjarji u fornituri ta' servizzi rilevanti oħra bħall-fornituri ta' servizzi ta' live streaming. Dan inaqqas l-impunità u jiżgura li r-reati kollha koperti minn din id-Direttiva jkunu jistgħu jiġu investigati b'mod effettiv, bl-użu ta' għodod u riżorsi mmirati u xierqa.	(33) Xi forom ta' abbuż sesswali tat-tfal online, bħax-xandir b'live streaming tal-abbuż tat-tfal, spiss imwettaq fiżikament minn persuni preżenti f'pajjiżi terzi fuq talba ta' awturi ta' reati li jħallsu fl-UE, joħolqu sfidi investigattivi partikolari, peress li l-abbuż imxandar normalment ma jħallix stampi jew traċċi rreġistrati warajh. Il-kooperazzjoni mas-servizzi finanzjarji definiti fl-Artikolu 2, il-punt (b), tad-Direttiva 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] u ma' fornituri ta' servizzi rilevanti oħra tista' tkun kruċjali biex jingħelbu l-isfidi fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' tali reati. Għalhekk, biex jiġu żgurati investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw li jipprovdu oqfsa għal kooperazzjoni mill-qrib bejn is-servizzi finanzjarji u fornituri ta' servizzi rilevanti oħra bħall-fornituri ta' servizzi ta' live streaming. Dan inaqqas l-impunità u jiżgura li r-reati kollha koperti minn din id-Direttiva jkunu jistgħu jiġu investigati b'mod effettiv, bl-użu ta' għodod u riżorsi mmirati u xierqa***, filwaqt li jiżgura l-konklużjoni rapida tal-proċeduri. Jenħtieġ li din tinkludi l-imblukkar u t-tneħħija immedjati u malajr tal-kontenut ta' ħsara u l-għoti ta' aċċess għall-materjal meħtieġ għall-infurzar tal-liġi biex l-awturi jiġu segwiti u jitressqu għall-prosekuzzjoni b'mod effettiv. Dan l-approċċ jissalvagwardja lill-vittmi filwaqt li jżomm lill-awturi responsabbli.***

[15] Id-Direttiva 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq b'distanza ta' servizzi finanzjarji ta' konsumaturi u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 90/619/KEE u d-Direttivi 97/7/KE u 98/27/KE (ĠU L 271, 9.10.2002, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2002/65/oj).

[15] Id-Direttiva 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq b'distanza ta' servizzi finanzjarji ta' konsumaturi u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 90/619/KEE u d-Direttivi 97/7/KE u 98/27/KE (ĠU L 271, 9.10.2002, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2002/65/oj).

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Jenħtieġ li l-Istati Membri jinkoraġġixxu lil kwalunkwe persuna li għandha għarfien jew suspett ta' abbuż sesswali jew ta' sfruttament sesswali ta' tfal biex tirrapporta lis-servizzi kompetenti. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli informazzjoni lit-tfal dwar il-possibbiltà li jirrapportaw l-abbuż, inkluż ***dwar il-helplines***. Hija r-responsabbiltà ta' kull Stat Membru li jiddetermina l-awtoritajiet kompetenti fejn jistgħu jiġu rapportati tali suspetti. Dawk l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li ma jkunux limitati għal servizzi ta' protezzjoni tat-tfal jew servizzi soċjali relevanti. Ir-rekwiżit ta' suspett "in bona fede" jenħtieġ li jkollu l-għan li jimpedixxi l-invokazzjoni tad-dispożizzjoni biex tiġi awtorizzata d-denunzja ta' fatti purament imaġinarji jew mhux veri mwettqa b'intenzjoni malizzjuża.	(34) Jenħtieġ li l-Istati Membri jinkoraġġixxu lil kwalunkwe persuna li għandha għarfien jew suspett ta' abbuż sesswali jew ta' sfruttament sesswali ta' tfal biex tirrapporta lis-servizzi kompetenti. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli informazzjoni lit-tfal dwar il-possibbiltà li jirrapportaw l-abbuż, inkluż ***permezz ta' helplines jew online***. Hija r-responsabbiltà ta' kull Stat Membru li jiddetermina l-awtoritajiet kompetenti fejn jistgħu jiġu rapportati tali suspetti. Dawk l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li ma jkunux limitati għal servizzi ta' protezzjoni tat-tfal jew servizzi soċjali relevanti. Ir-rekwiżit ta' suspett "in bona fede" jenħtieġ li jkollu l-għan li jimpedixxi l-invokazzjoni tad-dispożizzjoni biex tiġi awtorizzata d-denunzja ta' fatti purament imaġinarji jew mhux veri mwettqa b'intenzjoni malizzjuża.

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Premessa 34a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(34a) Jenħtieġ li l-Istati Membri, f'konformità mal-prinċipji bażiċi tas-sistemi legali tagħhom, jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkollhom is-setgħa li la jimponu pieni fuq l-ommijiet ta' tfal vittmi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali u lanqas ma jressquhom għall-prosekuzzjoni meta dawn ma jsegwux l-ordnijiet ta' kustodja tal-ġenituri minħabba li jkollhom evidenza ta' vjolenza kontra t-tfal.

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Premessa 34b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(34b) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jinvestigaw, mingħajr dewmien żejjed, it-tentattivi ta' sollečitazzjoni tat-tfal għal skopijiet sesswali u li t-tfal vittmi ta' tali tentattivi ta' sollečitazzjoni jiġu riferuti b'mod effettiv lis-servizzi ta' appoġġ rilevanti għall-assistenza u l-protezzjoni, b'enfasi fuq it-tishih tad-drittijiet tal-vittmi.

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Jenħtieġ li jiġu adottati miżuri li jipproteġu t-tfal vittmi b'mod komprensiv fl-aħjar interess tagħhom, b'kont meħud ta' stima tal-ħtiġijiet tagħhom. Il-protezzjoni effettiva tat-tfal teħtieġ approċċ tas-soċjetà kollha kemm hi. Bit-tfal fiċ-ċentru, l-awtoritajiet u s-servizzi rilevanti kollha	(36) Jenħtieġ li jiġu adottati miżuri li jipproteġu t-tfal vittmi b'mod komprensiv fl-aħjar interess tagħhom, b'kont meħud ta' stima tal-ħtiġijiet tagħhom***, inklużi l-vulnerabbiltajiet tal-vittma u l-effetti psikoloġiċi sproporzjonati fuq il-bniet, b'mod sensittiv għat-trawma, għall-***

jenħtieġ li jaħdmu flimkien biex jipproteġu u jappoġġaw ***lill-minorenni***, fl-aħjar interessi tagħhom. Il-mudell "Barnahus" li jipprovdi ambjent adattat għat-tfal b'persunal ta' speċjalisti mid-dixxiplini rilevanti kollha bħalissa huwa l-aktar eżempju avvanzat ta' approċċ għall-ġustizzja mfassal apposta għat-tfal u biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni. Id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva huma mibnija fuq il-prinċipji ta' dak il-mudell. Dak il-mudell għandu l-għan li jiżgura li t-tfal kollha involuti fl-investigazzjonijiet dwar l-abbuż tat-tfal jew l-isfruttament sesswali tat-tfal jibbenefikaw minn valutazzjoni ta' kwalità għolja f'ambjenti adatti għat-tfal, appoġġ psikosoċjali xieraq u servizzi protettivi għat-tfal. Din id-Direttiva tipprova tiżgura li l-Istati Membri kollha jirrispettaw dawn il-prinċipji, għalkemm ma teħtieġx li l-Istati Membri jsegwu l-mudell Barnahus bħala tali. Meta l-eżamijiet mediċi tat-tfal ikunu meħtieġa għall-finijiet tal-investigazzjonijiet kriminali, pereżempju biex tinġabar evidenza ta' abbuż, dawn jenħtieġ li jkunu limitati għal dawk strettament meħtieġa sabiex tiġi limitata r-retrawmatizzazzjoni. Jenħtieġ li dan l-obbligu ma jipprevjenix eżamijiet mediċi oħra meħtieġa għall-benesseri tat-tfal. It-tfal vittmi jenħtieġ li jkollhom aċċess faċli għal ġustizzja adattata għat-tfal, rimedji legali u miżuri biex jindirizzaw il-kunflitti ta' interess fejn l-abbuż sesswali jew l-isfruttament sesswali ***ta' tifel jew tifla jsir*** fil-familja. Meta jkollu jinħatar rappreżentant speċjali għat-tfal waqt investigazzjoni jew proċediment kriminali, dan ir-rwol jista' wkoll jitwettaq minn persuna ġuridika, istituzzjoni jew awtorità. Barra minn dan, jenħtieġ li t-tfal vittmi jkunu protetti minn pieni, pereżempju taħt leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-prostituzzjoni, jekk iġibu l-każ tagħhom għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Barra dan, jenħtieġ li l-parteċipazzjoni ta' tfal vittmi fi proċedimenti kriminali , sa fejn ikun possibbli, ma tikkawżax iktar ***ġeneru, għad-diżabbiltà u għat-tfal***. Il-protezzjoni effettiva tat-tfal teħtieġ approċċ tas-soċjetà kollha kemm hi. Bit-tfal fiċ-ċentru, l-awtoritajiet u s-servizzi rilevanti kollha jenħtieġ li jaħdmu flimkien biex jipproteġu u jappoġġaw ***lit-tfal***, fl-aħjar interessi tagħhom. ***Biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-professjonisti fil-qasam jenħtieġ li jadottaw approċċi li jqisu kwistjonijiet ta' ġeneru u li jevitaw li jipperpetwaw ħsara jew preġudizzji tal-ġeneru matul l-investigazzjonijiet u l-interazzjonijiet mal-vittmi, kif ukoll matul il-proċess ġudizzjarju u lil hinn minnu. In-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' tali prattiki jirriskja li joħloq retrawmatizzazzjoni għall-vittmi u jiskoraġġihom milli jirrikorru għall-ġustizzja.*** Il-mudell "Barnahus" li jipprovdi ambjent adattat għat-tfal b'persunal ta' speċjalisti mid-dixxiplini rilevanti kollha bħalissa huwa l-aktar eżempju avvanzat ta' approċċ għall-ġustizzja mfassal apposta għat-tfal u biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni. ***Huwa importanti li jiġi nnutat li l-mudell Barnahus jinkorpora approċċi li jqisu kwistjonijiet ta' ġeneru, filwaqt li jiżgura li jitqiesu vulnerabbiltajiet speċifiċi għall-ġeneru meta jkun hemm kuntatt mas-superstiti, li t-taħriġ tal-persunal jinkludi l-perspettiva tal-ġeneru, u li s-servizzi jkunu adatti għall-esperjenzi bbażati fuq il-ġeneru.*** Id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva huma mibnija fuq il-prinċipji ta' dak il-mudell. Dak il-mudell għandu l-għan li jiżgura li t-tfal kollha involuti fl-investigazzjonijiet dwar l-abbuż tat-tfal jew l-isfruttament sesswali tat-tfal jibbenefikaw minn valutazzjoni ta' kwalità għolja f'ambjenti adatti għat-tfal, appoġġ psikosoċjali xieraq u ***mfassal apposta kif ukoll*** servizzi protettivi għat-tfal. Din id-Direttiva tipprova tiżgura li l-Istati Membri kollha jirrispettaw dawn il-prinċipji, għalkemm ma teħtieġx li l-Istati Membri jsegwu l-mudell Barnahus bħala tali. Meta l-eżamijiet mediċi tat-tfal ikunu meħtieġa

trawma bħala riżultat ta’ intervisti jew kuntatt viżwali mat-trasgressuri. L-awtoritajiet kollha involuti fil-proċedimenti jenħtieġ li jitħarrġu f’ġustizzja mfassla apposta għat-tfal. Li jkun hemm fehim tajjeb tat-tfal u ta’ kif iġibu ruħhom meta jiltaqgħu ma’ esperjenzi trawmatiċi se jiżgura kwalità għolja ta’ teħid ta’ evidenza u jnaqqas l-istress fuq it-tfal meta jkunu qed jitwettqu l-miżuri meħtieġa . Meta ***vittmi*** tfal jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali, jenħtieġ li l-qorti tqis bis-sħiħ l-età u l-maturità tagħhom fit-twettiq tal-proċedimenti u jenħtieġ li tiżgura li l-proċedimenti jkunu aċċessibbli u jinftiehmu mit-tfal.	għall-finijiet tal-investigazzjonijiet kriminali, pereżempju biex tinġabar evidenza ta’ abbuż, dawn jenħtieġ li jkunu limitati għal dawk strettament meħtieġa sabiex tiġi limitata r-retrawmatizzazzjoni***, u jenħtieġ li jitwettqu b’mod sensittiv għall-ġeneru u għat-trawma minn professjonisti mħarrġa***. Jenħtieġ li dan l-obbligu ma jipprevjenix eżamijiet mediċi oħra meħtieġa għall-benesseri tat-tfal. It-tfal vittmi jenħtieġ li jkollhom aċċess faċli għal ġustizzja adattata għat-tfal, rimedji legali u miżuri biex jindirizzaw il-kunflitti ta’ interess fejn l-abbuż sesswali jew l-isfruttament sesswali ***tat-tfal iseħħu*** fil-familja. Meta jkollu jinħatar rappreżentant speċjali għat-tfal waqt investigazzjoni jew proċediment kriminali, dan ir-rwol jista’ wkoll jitwettaq minn persuna ġuridika, istituzzjoni jew awtorità. Barra minn dan, jenħtieġ li t-tfal vittmi jkunu protetti minn pieni, pereżempju taħt leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-prostituzzjoni, jekk iġibu l-każ tagħhom għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Barra dan, jenħtieġ li l-parteċipazzjoni ta’ tfal vittmi fi proċedimenti kriminali , sa fejn ikun possibbli, ma tikkawżax iktar trawma bħala riżultat ta’ intervisti jew kuntatt viżwali mat-trasgressuri. L-awtoritajiet kollha involuti fil-proċedimenti jenħtieġ li jitħarrġu f’ġustizzja mfassla apposta għat-tfal ***u li tkun sensittiva għall-ġeneru u għat-trawma***. Li jkun hemm fehim tajjeb tat-tfal u ta’ kif iġibu ruħhom meta jiltaqgħu ma’ esperjenzi trawmatiċi se jiżgura kwalità għolja ta’ teħid ta’ evidenza u jnaqqas l-istress fuq it-tfal meta jkunu qed jitwettqu l-miżuri meħtieġa. Meta tfal ***vittmi*** jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali, jenħtieġ li l-qorti tqis bis-sħiħ l-età***, il-ġeneru*** u l-maturità tagħhom fit-twettiq tal-proċedimenti u jenħtieġ li tiżgura li l-proċedimenti jkunu aċċessibbli u jinftiehmu mit-tfal.

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Premessa 36a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36a) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw kura komprensiva għat-tfal bħala dritt suġġettiv, filwaqt li jiżguraw li l-programmi ta' riparazzjoni għall-vittmi u s-superstiti, b'perspettiva tal-ġeneru, ikunu effettivi u aċċessibbli. F'dan ir-rigward, u filwaqt li jirrikonoxxu l-mudell Barnahus bħala referenza pożittiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw il-finanzjament adegwat biex l-universalità u n-nondiskriminazzjoni jkunu ġġarantiti fl-aċċess tat-tfal għad-drittijiet tagħhom. Dan ifisser li l-kura, l-appoġġ, il-protezzjoni, u r-riparazzjonijiet ipprovduti lit-tfal jenħtieġ li jiġu integrati u jirrispettaw l-istatus tagħhom bħala detenturi sħaħ ta' drittijiet. Huwa biss permezz ta' tali approċċi li tista' tiġi żgurata protezzjoni reali u dejjiema tad-drittijiet tagħhom, filwaqt li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tagħhom fi ħdan qafas ta' ġustizzja li huwa adattat u sensittiv għall-iżvilupp ġenerali tagħhom.

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu assistenza fit-terminu l-qasir u fit-terminu t-twil li tkun imfassla apposta u komprensiva lit-tfal li ***jkunu vittmi***. Kull ħsara kkawżata mill-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali ***ta' tifel jew tifla*** hi sinifikattiva u jenħtieġ li tiġi indirizzata malajr kemm jista' jkun wara l-ewwel kuntatt tal-vittma mal-awtoritajiet. L-assistenza immedjata lill-vittmi qabel u matul l-investigazzjonijiet u l-proċedimenti kriminali hija essenzjali biex tiġi limitata t-	(37) Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu assistenza fit-terminu l-qasir u fit-terminu t-twil li tkun imfassla apposta u komprensiva lit-tfal ***vittmi b'mod sensittiv għall-ġeneru, filwaqt*** li ***jitqiesu l-ħtiġijiet u l-karatteristiċi speċifiċi tat-tfal u s-superstiti***. Kull ħsara kkawżata mill-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali ***tat-tfal*** hi sinifikattiva u jenħtieġ li tiġi indirizzata malajr kemm jista' jkun wara l-ewwel kuntatt tal-vittma mal-awtoritajiet. L-assistenza immedjata lill-vittmi qabel u

trawma fit-tul marbuta mal-abbuż li jkunu sofrew. Sabiex jiġi ffaċilitat l-għoti rapidu ta' assistenza, inkluża l-identifikazzjoni tas-servizzi ta' appoġġ rilevanti, jenħtieġ li l-Istati Membri joħorġu linji gwida u protokolli għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tas-servizzi soċjali, inkluż il-persunal tal-helplines . Minħabba n-natura tal-ħsara kkawżata mill-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali, tali assistenza jenħtieġ li tkompli għal kemm ikun hemm bżonn għall-irkupru fiżiku u psikoloġiku ***tat-tifel jew tifla*** u tista' tkompli sa meta jsiru adulti jekk ikun hemm bżonn. Jenħtieġ li l-għajnuna u l-konsulenza jitqies li jiġu estiżi għall-ġenituri , il-persuni li jindukraw u l-persuni li jkollhom it-tutela tat-tfal vittmi fejn ma jkunux involuti bħala persuni suspettati fir-rigward tar-reat ikkonċernat, sabiex jingħataw għajnuna dwar kif għandhom jassistu t-tfal vittmi tagħhom matul il-proċedimenti.

matul l-investigazzjonijiet u l-proċedimenti kriminali hija essenzjali biex tiġi limitata t-trawma fit-tul marbuta mal-abbuż li jkunu sofrew. Sabiex jiġi ffaċilitat l-għoti rapidu ta' assistenza, inkluża l-identifikazzjoni tas-servizzi ta' appoġġ rilevanti, jenħtieġ li l-Istati Membri joħorġu linji gwida u protokolli għall-professjonisti ***u l-voluntiera*** tal-kura tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tas-servizzi soċjali, inkluż il-persunal tal-helplines. Minħabba n-natura tal-ħsara kkawżata mill-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali, tali assistenza jenħtieġ li tkompli għal kemm ikun hemm bżonn għall-irkupru fiżiku u psikoloġiku ***tat-tfal*** u tista' tkompli sa meta jsiru adulti jekk ikun hemm bżonn. Jenħtieġ li l-għajnuna u l-konsulenza jitqies li jiġu estiżi għall-ġenituri, il-persuni li jindukraw u l-persuni li jkollhom it-tutela tat-tfal vittmi fejn ma jkunux involuti bħala persuni suspettati fir-rigward tar-reat ikkonċernat, sabiex jingħataw għajnuna dwar kif għandhom jassistu t-tfal vittmi tagħhom matul il-proċedimenti.

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) It-trawma li tirriżulta mill-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal spiss tippersisti sal-età adulta, u tinvolvi effetti fit-tul li spiss jipprevjenu lill-vittmi milli jirrapportaw ir-reat u milli jfittxu assistenza u appoġġ għal snin jew saħansitra għexieren ta' snin. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu assistenza ***mfassla apposta u*** komprensiva fuq terminu qasir u fit-tul mhux biss ***lill-vittmi tfal***, iżda wkoll lis-superstiti adulti ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal.	(38) ***L-abbuż sesswali tat-tfal, kemm jekk imwettaq fiżikament kif ukoll permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, għandu impatt profond u dejjiem fuq il-vittmi u s-superstiti, u dan jolqot is-saħħa mentali, l-iżvilupp personali, u l-benesseri futur tagħhom.*** It-trawma li tirriżulta mill-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal spiss tippersisti sal-età adulta, u tinvolvi effetti***, xi drabi*** fit-tul***,*** li spiss jipprevjenu lill-vittmi milli jirrapportaw ir-reat u milli jfittxu assistenza u appoġġ għal snin jew saħansitra għexieren ta' snin. ***F'xi każijiet, it-tifkira tal-abbuż sesswali u t-trawma***

sussegwenti mġarrba fil-vittmi jvarjaw. Barra minn hekk, minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' informazzjoni u fehim dwar x'jikkostitwixxi abbuż sesswali tat-tfal u kunsens, is-superstiti jistgħu jirrealizzaw biss aktar tard fil-ħajja li kienu vittmi ta' abbuż sesswali. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu assistenza komprensiva fuq terminu qasir u fit-tul mhux biss ***lit-tfal vittmi***, iżda wkoll lis-superstiti adulti ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali ***tat-tfal, b'mod sensittiv għall-ġeneru li jqis il-ħtiġijiet u l-karatteristiċi*** tat-tfal.

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Id-Direttiva 2012/29/UE tistabbilixxi sett ta' drittijiet tal-vittmi fi proċedimenti kriminali, inkluż id-dritt għal protezzjoni u d-dritt li wieħed jirċievi deċiżjoni dwar kumpens mit-trasgressur . Il-proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi tipprevedi emendi mmirati għad-drittijiet tal-vittmi kollha. Barra mid-drittijiet stabbiliti fl-ambitu ta' dik id-Direttiva, tfal li huma vittmi ta' abbuż sesswali, sfruttament sesswali u materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-konsulenza legali, u, f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistemi tal-ġustizzja rilevanti, għal rappreżentanza legali, inkluż għall-fini li jitolbu kumpens. Tali ***għajnuna*** legali ***tista' tiġi pprovduta*** wkoll mill-awtoritajiet kompetenti għall-fini ta' talba ta' kumpens mill-Istat. Il-fini tal-konsulenza legali huwa biex tippermetti lill-vittmi jkunu informati u jirċievu parir dwar il-possibilitajiet diversi li huma miftuħin għalihom. Il-konsulenza legali ***u r-rappreżentanza*** jenħtieġ li ***jingħataw*** minn persuna li tkun irċeviet taħriġ legali	(39) Id-Direttiva 2012/29/UE tistabbilixxi sett ta' drittijiet tal-vittmi fi proċedimenti kriminali, inkluż id-dritt għal protezzjoni u d-dritt li wieħed jirċievi deċiżjoni dwar kumpens mit-trasgressur. Il-proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi tipprevedi emendi mmirati għad-drittijiet tal-vittmi kollha. Barra mid-drittijiet stabbiliti fl-ambitu ta' dik id-Direttiva, tfal li huma vittmi ta' abbuż sesswali, sfruttament sesswali u materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-konsulenza legali, u, f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistemi tal-ġustizzja rilevanti, għal rappreżentanza legali, inkluż għall-fini li jitolbu kumpens. Tali ***konsulenza*** legali ***u r-rappreżentanza legali jistgħu jiġu pprovduti*** wkoll mill-awtoritajiet kompetenti għall-fini ta' talba ta' kumpens mill-Istat. Il-fini tal-konsulenza legali huwa biex tippermetti lill-vittmi jkunu informati u jirċievu parir dwar il-possibilitajiet diversi li huma miftuħin għalihom. Il-konsulenza legali jenħtieġ li ***tingħata*** minn persuna li tkun

adatt mingħajr ma neċessarjament tkun avukat. Il-konsulenza legali u, f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistemi tal-ġustizzja relevanti, ir-rappreżentanza legali jenħtieġ li tingħata mingħajr ħlas għall-inqas meta l-vittma ma ***għandhiex*** riżorsi finanzjarji suffiċjenti b'mod konsistenti mal-proċeduri interni tal-Istati Membri.	irċeviet taħriġ legali adatt mingħajr ma neċessarjament tkun avukat. Il-konsulenza legali u, f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistemi tal-ġustizzja relevanti, ir-rappreżentanza legali jenħtieġ li tingħata mingħajr ħlas għall-inqas meta l-vittma ma ***jkollhiex*** riżorsi finanzjarji suffiċjenti b'mod konsistenti mal-proċeduri interni tal-Istati Membri. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li d-dritt għal riparazzjoni jew mitigazzjoni ma jiġix issodisfat biss permezz tad-dritt għal kumpens monetarju, iżda wkoll permezz ta' riparazzjoni komprensiva lil hinn mill-mezzi monetarji, inkluż permezz tar-riabilitazzjoni fiżika, l-għoti ta' aċċess għall-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni jew iċ-ċentri tas-servizzi għall-vittmi.***

Emenda 22

Proposta għal direttiva
Premessa 39a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(39a) Il-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal hija ta' importanza kbira għall-protezzjoni tat-tfal. Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu miżuri protettivi biex jissalvagwardjaw il-benesseri fiżiku, emozzjonali u psikoloġiku tat-tfal, kif ukoll id-drittijiet fundamentali tat-tfal li jikbru f'ambjent sikur, ħieles mill-isfruttament, il-vjolenza u l-ħsara. Il-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal teħtieġ sforzi kollaborattivi fis-setturi kollha, inkluż l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, is-sistemi ġudizzjarji, u s-servizzi komunitarji. Barra minn hekk, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-indokraturi primarji, b'mod partikolari l-ommijiet li sikwit iservu bħala protetturi tal-ewwel linja, huwa essenzjali biex jiġu identifikati u interrotti sitwazzjonijiet abbużivi.

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Premessa 39b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(39b) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jinvestigaw, mingħajr dewmien żejjed, it-tentattivi ta' sollečitazzjoni tat-tfal għal skopijiet sesswali u li t-tfal vittmi ta' tali tentattivi ta' sollečitazzjoni jiġu riferuti b'mod effettiv lis-servizzi ta' appoġġ rilevanti għall-assistenza u l-protezzjoni, b'enfasi fuq it-tisħiħ tad-drittijiet tal-vittmi.

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal ("iċ-Ċentru tal-UE"), stabbilit bir-Regolament […/…/UE li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal][16], jappoġġa l-Istati Membri fl-isforzi u l-obbligi għall-prevenzjoni u l-assistenza tal-vittmi skont din id-Direttiva. Jenħtieġ li huwa jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki fl-Unjoni u lil hinn minnha. Iċ-Ċentru tal-UE jenħtieġ li jħeġġeġ id-djalogu bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex jgħin fl-iżvilupp ta' programmi ta' prevenzjoni tal-ogħla livell. Barra minn hekk, billi jikkoopera mal-Istati Membri u jikkontribwixxi għall-istandardizzazzjoni tal-ġbir tad-data dwar l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-Unjoni kollha, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkun ta' vantaġġ fl-appoġġ ta' politika bbażata fuq l-evidenza kemm dwar il-prevenzjoni kif ukoll dwar l-assistenza lill-vittmi. Jenħtieġ	(40) Jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal ("iċ-Ċentru tal-UE"), stabbilit bir-Regolament […/…/UE li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal][16], jappoġġa l-Istati Membri fl-isforzi u l-obbligi għall-prevenzjoni u l-assistenza tal-vittmi skont din id-Direttiva. Jenħtieġ li huwa jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki fl-Unjoni u lil hinn minnha. Iċ-Ċentru tal-UE jenħtieġ li jħeġġeġ id-djalogu bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex jgħin fl-iżvilupp ta' programmi ta' prevenzjoni tal-ogħla livell ***u jappoġġa lill-Istati Membri biex jiżviluppaw kampanja ta' sensibilizzazzjoni u ta' informazzjoni. Fid-dawl tal-għan ta' din id-Direttiva, li huwa li tiġġieled u tipprevjeni l-abbuż sesswali tat-tfal, iċ-Ċentru tal-UE jenħtieġ li jkollu Bord Konsultattiv dwar id-Drittijiet tat-Tfal u s-Superstiti magħmul minn esperti b'funzjoni konsultattiva***

li l-Istati Membri jistabbilixxu awtoritajiet nazzjonali jew entitajiet ekwivalenti kif iqisu l-aktar xieraq skont l-organizzazzjoni interna tagħhom, filwaqt li jqisu l-ħtieġa għal struttura minima b'kompiti identifikati, li tkun kapaċi twettaq valutazzjonijiet tax-xejriet fl-abbuż sesswali tat-tfal, tiġbor statistika, tkejjel ir-riżultati ta' azzjonijiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, u tirrapporta regolarment dwar tali xejriet, statistika u riżultati. Tali awtoritajiet nazzjonali jenħtieġ li jservu bħala punt ta' kuntatt nazzjonali u jenħtieġ li jieħdu approċċ integrattiv b'diversi partijiet ikkonċernati fil-ħidma tagħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu l-mekkaniżmi meħtieġa fil-livell nazzjonali biex jiżguraw koordinazzjoni u kooperazzjoni effettivi fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' miżuri għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal, kemm online kif ukoll offline, fost l-atturi pubbliċi u privati rilevanti kollha, kif ukoll għall-iffaċilitar tal-kooperazzjoni maċ-Ċentru tal-UE u mal-Kummissjoni.

relatata mad-drittijiet tat-tfal u mal-perspettiva tal-vittmi u s-superstiti. Il-Bord Konsultattiv dwar id-Drittijiet tat-Tfal u s-Superstiti jista', b'mod partikolari, jipprovdi għarfien espert biex jappoġġa l-ħidma taċ-Ċentru tal-UE, fl-ambitu tal-mandat tiegħu. Jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jingħata s-setgħa li jikkollabora mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti u mas-servizzi ta' appoġġ, inklużi ċentri għall-protezzjoni tal-vittmi, kenn għan-nisa, servizzi speċjalizzati għat-tfal, servizzi soċjali, organizzazzjonijiet għall-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal, u professjonisti tal-kura tas-saħħa fl-Istati Membri. Meta jagħmel dan, iċ-Ċentru tal-UE jenħtieġ li jiżgura approċċ li jqis kwistjonijiet ta' ġeneru u perspettiva bbażata fuq id-drittijiet tat-tfal, filwaqt li jagħti prijorità lill-ħtiġijiet u lill-protezzjoni tat-tfal vittmi. Barra minn hekk, billi jikkoopera mal-Istati Membri u jikkontribwixxi għall-istandardizzazzjoni tal-ġbir tad-data dwar l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-Unjoni kollha, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkun ta' vantaġġ fl-appoġġ ta' politika bbażata fuq l-evidenza kemm dwar il-prevenzjoni kif ukoll dwar l-assistenza lill-vittmi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu awtoritajiet nazzjonali jew entitajiet ekwivalenti kif iqisu l-aktar xieraq skont l-organizzazzjoni interna tagħhom, filwaqt li jqisu l-ħtieġa għal struttura minima b'kompiti identifikati, li tkun kapaċi twettaq valutazzjonijiet tax-xejriet fl-abbuż sesswali tat-tfal, tiġbor statistika, tkejjel ir-riżultati ta' azzjonijiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, u tirrapporta regolarment dwar tali xejriet, statistika u riżultati***, inkluża data diżaggregata skont il-ġeneru u l-età***. Tali awtoritajiet nazzjonali jenħtieġ li jservu bħala punt ta' kuntatt nazzjonali u jenħtieġ li jieħdu approċċ integrattiv b'diversi partijiet ikkonċernati fil-ħidma tagħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu l-mekkaniżmi meħtieġa fil-livell nazzjonali biex jiżguraw

koordinazzjoni u kooperazzjoni effettivi fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' miżuri għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal, kemm online kif ukoll offline, fost l-atturi pubbliċi u privati rilevanti kollha, kif ukoll għall-iffaċilitar tal-kooperazzjoni maċ-Ċentru tal-UE u mal-Kummissjoni.

---

[16] COM (2022) 209 tal-11 ta' Mejju 2022.

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Premessa 40a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40a) Huwa essenzjali li l-Istati Membri jistabbilixxu strutturi multidixxiplinari biex jintegraw l-għarfien espert mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, mill-aġenziji tal-protezzjoni tat-tfal, mis-superstiti ta' abbuż sesswali tat-tfal, mill-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa, mill-edukaturi u mill-ispeċjalisti fil-qasam tas-saħħa mentali. Dawk l-istrutturi jenħtieġ li jindirizzaw il-kumplessitajiet tal-abbuż sesswali online u s-solleċitazzjoni tat-tfal għal skopijiet sesswali filwaqt li jqisu l-ġeneru u l-età tal-utenti tat-tfal u jirrikonoxxu li l-bniet huma milquta b'mod sproporzjonat f'ħafna forom ta' sfruttament sesswali u abbuż sesswali.

Emenda 26

Proposta għal direttiva
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu jew isaħħu l-linji politiċi biex	(43) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu jew isaħħu l-linji politiċi biex

jipprevjenu l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal inklużi miżuri biex jiskoraġġixxu u jnaqqsu t-talba li twassal għal kull forma ta' sfruttament sesswali tat-tfal u miżuri biex ***jiġi ridott ir-riskju ta' tfal*** li jaqgħu vittmi, permezz ta' ***tagħrif*** u ***kampanji*** ta' ***tqajjim tal-kuxjenza***, inkluż għall-ġenituri ***u*** għall-persuni li jindukraw u ***s-soċjetà*** inġenerali, u programmi ta' riċerka u ta' tagħlim. F'tali inizjattivi, l-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tat-tfal. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni li jkun żgurat li l-kampanji ta' ***tqajjim tal-kuxjenza*** mmirati lejn it-tfal ikunu xierqa u faċli biżżejjed li jinftiehmu, u mfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' tfal ta' gruppi ta' età differenti, inklużi tfal tal-età ta' qabel l-iskola. Il-miżuri ta' prevenzjoni jenħtieġ li jieħdu approċċ olistiku għall-fenomenu tal-abbuż sesswali ***tat-tfal*** u l-isfruttament sesswali, billi jindirizzaw id-dimensjonijiet online u offline tiegħu u jimmobilizzaw il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. B'mod partikolari għad-dimensjoni online, il-miżuri jenħtieġ li jinkludu l-iżvilupp ta' ***ħiliet*** ta' litteriżmu diġitali, inkluż l-involviment kritiku mad-dinja diġitali, biex ***jgħin*** lill-utenti jidentifikaw u jindirizzaw tentattivi ta' abbuż sesswali tat-tfal online, ifittxu appoġġ u jipprevjenu t-twettiq tiegħu. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal li jiġu kkurati f'faċilità ta' grupp aktar milli fil-kuntest ta' kura f'familja. Fejn mhumiex diġà fis-seħħ, it-twaqqif ta' helplines jew hotlines apposta jenħtieġ li jiġu kkunsidrat.

jipprevjenu l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal inklużi miżuri biex jiskoraġġixxu u jnaqqsu t-talba li twassal għal kull forma ta' sfruttament sesswali tat-tfal u miżuri biex ***inaqqsu r-riskju*** li ***t-tfal*** jaqgħu vittmi, permezz ta' ***kampanji ta' sensibilizzazzjoni*** u ta' ***informazzjoni***, inkluż għall-ġenituri***,*** għall-persuni li jindukraw***, għall-edukaturi f'kuntesti edukattivi formali*** u ***informali, u għas-soċjetà*** inġenerali, u programmi ta' riċerka u ta' tagħlim. F'tali inizjattivi, l-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tat-tfal ***u li jqis kwistjonijiet ta' ġeneru, li jindirizza vulnerabbiltajiet speċifiċi tal-bniet u s-subien għal forom differenti ta' abbuż u sfruttament sesswali, u b'hekk titrawwem il-prevenzjoni tar-reat. L-inizjattivi intiżi għall-edukaturi, għall-professjonisti u għall-voluntiera li jaħdmu mat-tfal u għas-soċjetà inġenerali jenħtieġ li jinkludu kampanji dwar kif wieħed għandu jirreaġixxi meta jħabbat wiċċu mal-iżvelar ta' abbuż sesswali minn vittma. Jenħtieġ li kampanji simili jindirizzaw ir-rikonoxximent u r-rapportar ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online***. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni li jkun żgurat li l-kampanji ta' ***sensibilizzazzjoni*** mmirati lejn it-tfal ikunu xierqa u faċli biżżejjed li jinftiehmu, u mfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' tfal ta' gruppi ta' età***, il-kapaċitajiet u l-ġeneri*** differenti, inklużi tfal tal-età ta' qabel l-iskola. ***Ċifri reċenti juru li l-vittmi tal-abbuż sesswali tat-tfal qed dejjem ikunu aktar iżgħar, bi 92 % tal-vittmi bejn l-età ta' 3 snin u 13-il sena. Għalhekk huwa importanti li dan it-taħriġ jiġi introdott fl-iskola, kemm għat-tfal kif ukoll għall-għalliema, kmieni kemm jista' jkun.*** Il-miżuri ta' prevenzjoni jenħtieġ li jieħdu approċċ olistiku għall-fenomenu tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali ***tat-tfal***, billi jindirizzaw id-dimensjonijiet online u offline tiegħu u jimmobilizzaw il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. B'mod partikolari għad-dimensjoni online, il-

	miżuri jenħtieġ li jinkludu l-iżvilupp ta' ***programmi ta' sikurezza online għat-tfal f'kuntesti edukattivi uħiliet*** ta' litteriżmu diġitali, inkluż l-involviment kritiku mad-dinja diġitali, biex ***jgħinu*** lill-utenti jidentifikaw u jindirizzaw tentattivi ta' abbuż sesswali tat-tfal online, ***inkluż permezz ta' theddid diġitali ġdid bl-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-realtà virtwali u l-grooming online,*** ifittxu appoġġ u jipprevjenu t-twettiq tiegħu***. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw l-għoti ta' edukazzjoni adatta għall-età dwar is-sesswalità u r-relazzjonijiet, ibbażata fuq il-prinċipji tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, in-nondiskriminazzjoni u d-drittijiet fundamentali u jenħtieġ li jindirizzaw, b'mod partikolari, ir-rwol ċentrali tal-kunsens fir-relazzjonijiet sesswali, u jenfasizzaw li l-kunsens jista' jingħata biss b'mod volontarju bħala riżultat tar-rieda libera tal-persuna. Jenħtieġ li l-Istati Membri jsaħħu wkoll il-litteriżmu diġitali u jfasslu l-edukazzjoni diġitali fl-iskejjel bl-għan li t-tfal jiġu mgħammra bl-għodod meħtieġa biex jinnavigaw l-ispazju online b'mod sikur. Il-garanzija ta' dawn il-miżuri edukattivi fl-iskejjel kollha tgħin lit-tfal, lill-familji tagħhom, lill-għalliema u lis-servizzi soċjali jidentifikaw u jirrapportaw l-abbuż***. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal li jiġu kkurati f'faċilità ta' grupp aktar milli fil-kuntest ta' kura f'familja. Fejn mhumiex diġà fis-seħħ, it-twaqqif ta' helplines jew hotlines apposta jenħtieġ li jiġu kkunsidrat.

Emenda 27

Proposta għal direttiva
Premessa 43a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	(43a) Biex titnaqqas id-domanda li trawwem il-forom kollha ta' sfruttament sesswali tat-tfal, jenħtieġ li l-Istati Membri jniedu kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn il-pubbliku ġenerali biex jinfurmawhom dwar il-bidliet fil-liġi nazzjonali bħala riżultat ta' din id-Direttiva, inkluż iż-żieda fis-sentenzi, il-konsegwenzi legali tal-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, u l-kunċett ta' kunsens. Dawn il-kampanji jenħtieġ li jenfasizzaw il-pieni severi għat-trasgressuri, jissottolinjaw il-konsegwenzi fit-tul tat-twettiq ta' tali reati, jedukaw dwar xi jfisser in-nuqqas ta' kunsens, u b'mod ċar u sempliċi jinfurmaw lill-individwi dwar il-qafas legali fis-seħħ għall-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal.

Emenda 28

Proposta għal direttiva
Premessa 43b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(43b) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti programmi edukattivi mill-Istati Membri, abbażi tal-prattiki tal-ġenituri, tal-persuni li jindukraw u tal-membri tal-familja biex jipprevjenu l-kondiviżjoni ta' ritratti nudi u semi-nudi tat-tfal permezz ta' applikazzjoni online jew tal-media soċjali.

Emenda 29

Proposta għal direttiva
Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(46) Il-professjonisti li x'aktarx jiġu f'kuntatt ma' tfal vittmi tal-abbuż sesswali u tal-isfruttament sesswali jenħtieġ li jkunu mħarrġin kif xieraq sabiex jidentifikaw tali	(46) Il-professjonisti li x'aktarx jiġu f'kuntatt ma' tfal vittmi tal-abbuż sesswali u tal-isfruttament sesswali jenħtieġ li jkunu mħarrġin kif xieraq sabiex jidentifikaw tali

vittmi u jittrattaw magħhom. Biex tiġi żgurata ġustizzja mfassla apposta għat-tfal matul l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, dan it-taħriġ jenħtieġ li ***jiġi promoss*** għall-membri tal-kategoriji li ġejjin meta aktarx li dawn jiġu f'kuntatt mal-vittmi li jkunu tfal: uffiċjali tal-pulizija, prosekuturi pubbliċi, avukati, membri tal-ġudikatura u uffiċjali tal-qorti, persunal tal-kura tat-tfal u tas-saħħa, professjonisti fis-settur tal-edukazzjoni, inkluż l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, is-servizzi soċjali, il-fornituri ta' appoġġ għall-vittmi u servizzi ta' ġustizzja restorattiva imma jistgħu jinvolvu wkoll gruppi oħrajn ta' persuni li fix-xogħol tagħhom aktarx jiltaqgħu ma' tfal vittmi tal-abbuż sesswali u tal-isfruttament sesswali.

vittmi u jittrattaw magħhom. ***Dawn jenħtieġ li jkunu mħarrġin b'mod speċjali biex jittrattawhom b'mod sensittiv għat-trawma, għall-ġeneru u għat-tfal. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun obbligatorju taħriġ xieraq dwar reazzjonijiet differenti għat-trawma, inkluż fehim tal-istat tal-iffriżar – reazzjoni għat-trawma komuni waqt stupru u abbuż sesswali li twassal biex il-vittmi ma jkunux jistgħu jiċċaqalqu, u tikkawżalhom tensjoni, nuqqas ta' ċaqliq u silenzju.*** Biex tiġi żgurata ġustizzja mfassla apposta għat-tfal ***u sensittiva għall-ġeneru*** matul l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, dan it-taħriġ jenħtieġ li ***jkun obbligatorju*** għall-membri tal-kategoriji li ġejjin meta aktarx li dawn jiġu f'kuntatt mal-vittmi li jkunu tfal: uffiċjali tal-pulizija, prosekuturi pubbliċi, avukati, membri tal-ġudikatura u uffiċjali tal-qorti, persunal tal-kura tat-tfal u tas-saħħa, professjonisti fis-settur tal-edukazzjoni, inkluż l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, is-servizzi soċjali, il-fornituri ta' appoġġ għall-vittmi u servizzi ta' ġustizzja restorattiva imma jistgħu jinvolvu wkoll gruppi oħrajn ta' persuni li fix-xogħol tagħhom aktarx jiltaqgħu ma' tfal vittmi tal-abbuż sesswali u tal-isfruttament sesswali.

Emenda 30

Proposta għal direttiva
Premessa 54a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(54a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw il-ġbir u r-rapportar sistematiċi tad-data, li tkun diżaggregata skont is-sess u l-ġeneru, il-grupp ta' età (tfal/adulti) tal-vittma u tal-awtur, ir-relazzjoni bejn il-vittma u l-awtur u t-tip ta' reat, jekk il-vittma kellhiex diżabbiltà, u l-kuntest li fih seħħ ir-reat, kif ukoll fir-rigward ta'

	forom intersezzjonali ta' diskriminazzjoni u karatteristiċi soċjodemografiċi rilevanti oħra, u jevalwawha sabiex tiġi implimentata prevenzjoni effettiva u jiġu miġġielda l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal. Tali data hija vitali għall-analiżi tal-impatti differenti ta' dawk ir-reati fuq is-subien u l-bniet u għall-iżvilupp ta' strateġiji ta' prevenzjoni mmirati u bbażati fuq data konkreta u miżuri ta' appoġġ imfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jinkorporaw ukoll il-ġbir ta' data diżaggregata skont is-sess u l-ġeneru fl-ambitu tal-miżuri nazzjonali tal-ġbir tad-data biex jevalwaw iċ-ċirkostanzi aggravanti. Dan se jipprovdi għarfien dwar ix-xejriet speċifiċi għall-ġeneru fl-abbuż sesswali u se jorjenta l-istrateġiji futuri ta' prevenzjoni u aġġustamenti futuri tal-politika.

Emenda 31

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) "kunsens tat-tfal li laħqu l-età ta' kunsens sesswali" tfisser kwalunkwe indikazzjoni libera, espliċita, infurmata u mhux ambigwa tal-kunsens tat-tfal għall-att sesswali, fid-dawl taċ-ċirkostanzi u l-kuntest, bħala konsegwenza tal-eżerċizzju tar-rieda libera tat-tfal kkonċernati;

Emenda 32

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) kwalunkwe materjal li viżwalment juri tfal li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba	(a) kwalunkwe materjal li viżwalment juri tfal li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita, reali jew simulata**,**

sesswalment espliċita, reali jew simulata;	***inkluż materjal maħluq bl-użu ta' intelliġenza artifiċjali, teknoloġiji deepfake, jew ambjenti ta' realtà awmentata, estiża jew virtwali***;

Emenda 33

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1- punt 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) rappreżentazzjoni tal-organi sesswali ta' tfal għal finijiet primarjament sesswali;	(b) rappreżentazzjoni tal-organi sesswali ***fil-parti ġenitali jew anali*** ta' tfal għal finijiet primarjament sesswali;

Emenda 34

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) materjal li jissesswalizza t-tfal u li huwa maħsub għal skopijiet sesswali, mingħajr enfasi fuq il-parti ġenitali jew anali tat-tfal jew mingħajr ma juri tfal li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita, reali jew simulata;

Emenda 35

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 –punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) stampi, riproduzzjonijiet jew rappreżentanzi realistiċi ta' tfal li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita jew tal-organi sesswali ta' tfal, għal finijiet primarjament sesswali;	(d) stampi, riproduzzjonijiet jew rappreżentanzi realistiċi ta' tfal***, irrispettivament minn kwalunkwe element mhux realistiku addizzjonali li jidher minn barra t-tfal,*** li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita jew tal-organi sesswali ta' tfal, għal finijiet primarjament sesswali;

Emenda 36

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) "manwal ta' struzzjoni dwar l-abbuż sesswali tat-tfal" tfisser kwalunkwe materjal, irrispettivament mill-forma tiegħu, maħsub biex jipprovdi pariri, gwida jew struzzjonijiet dwar kif jitwettqu abbuż jew sfruttament sesswali tat-tfal jew sollečitazzjoni tat-tfal għal skopijiet sesswali;

Emenda 37

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) ***" sfruttament*** tat-tfal fil-prostituzzjoni " tfisser l-użu ta' tfal għal attivitajiet sesswali fejn il-flus jew kwalunkwe forma oħra ta' rimunerazzjoni jew konsiderazzjoni tingħata jew tiġi mwiegħda bħala ħlas ***sabiex it-tfal*** jieħdu sehem f'attivitajiet sesswali, irrispettivament minn jekk ***dak*** il-ħlas, il-wegħda jew il-konsiderazzjoni ***ssirx*** lit-tfal jew lil parti terza;	(4) ***"sfruttament sesswali*** tat-tfal fil-prostituzzjoni " tfisser l-użu ta' tfal għal attivitajiet sesswali fejn il-flus jew kwalunkwe forma oħra ta' rimunerazzjoni***, profitt, vantaġġ, benefiċċju*** jew konsiderazzjoni tingħata jew tiġi mwiegħda bħala ħlas ***talli t-tfal*** jieħdu sehem f'attivitajiet sesswali, irrispettivament minn jekk il-ħlas, il-wegħda***, il-profitt, il-vantaġġ, il-benefiċċju*** jew il-konsiderazzjoni ***jsirux*** lit-tfal jew lil parti terza;

Emenda 38

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) "prestazzjoni ta' abbuż sesswali tat-tfal" tfisser l-esibizzjoni diretta, immirata għal udjenza, anke permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni,	(5) "prestazzjoni ta' abbuż sesswali tat-tfal" tfisser l-esibizzjoni diretta , immirata għal udjenza ***b'persuna waħda jew aktar***, anke permezz tat-teknoloġija tal-

ta’:	informazzjoni u tal-komunikazzjoni, ta’:

Emenda 39

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) “estorsjoni sesswali tat-tfal” tfisser il-fatt li ssir theddida li jiġi kondiviż materjal intimu li juri tfal vittmi biex jinkisbu flus, materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal, jew kwalunkwe benefiċċju ieħor bit-theddida li l-materjal jiġi kondiviż; l-estorsjoni sesswali tat-tfal tista’ tinvolvi vjolenza abbażi tal-ġeneru;

Emenda 40

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5b) “grooming” tfisser il-proċess li tiġi stabbilita jew tinbena relazzjoni ma’ tfal, personalment jew permezz tal-użu tal-internet jew ta’ teknoloġiji diġitali oħra biex jiġi ffaċilitat il-kuntatt sesswali online jew personalment;

Emenda 41

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5c) “terapija ta’ konverżjoni” tfisser kwalunkwe trattament bl-għan li jinbidlu l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru ta’ persuna;

Emenda 42

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) "pari" tfisser persuni li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta' żvilupp jew maturità psikoloġika u fiżika.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Emenda 43

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) "teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni" tfisser l-għodod u r-riżorsi teknoloġiċi kollha użati għall-ħżin, il-ħolqien, il-kondiviżjoni jew l-iskambju diġitali ta' informazzjoni, inklużi l-ismart phones, il-kompjuters, in-networking soċjali u applikazzjonijiet u servizzi oħra tal-media;

Emenda 44

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8b) "hosting" tfisser l-għoti ta' servizz ta' hosting kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (g)(iii), tar-Regolament (UE) 2022/2065;

Emenda 45

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – titlu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Reati li jikkonċernaw abbuż sesswali	Reati li jikkonċernaw abbuż sesswali ***tat-tfal***

Emenda 46

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba msemmija fil-paragrafi 2 sa 8 tkun punibbli.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba msemmija fil-paragrafi 2 sa 8 tkun punibbli***, irrispettivament minn jekk l-imġiba tkunx twettqet fiżikament jew permezz ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni***.

Emenda 47

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-imġiba li, għal finijiet sesswali, iġġiegħel lil tfal ***li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali li*** jaraw abbuż sesswali, ***anki*** jekk dawn ma jiġux imġiegħla jipparteċipaw, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sentejn priġunerija.	3. L-imġiba li, għal finijiet sesswali, iġġiegħel lil tfal jaraw abbuż sesswali, ***anke*** jekk dawn ma jiġux imġiegħla jipparteċipaw, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sentejn priġunerija.

Emenda 48

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' tfal li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali jew l-imġiba li ġġiegħel lil tfal jipparteċipaw f'attivitajiet sesswali ma' persuna oħra għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin priġunerija.	4. Il-parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' tfal li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali jew l-imġiba li ġġiegħel lil tfal jipparteċipaw f'attivitajiet sesswali ma' persuna oħra***, magħhom infushom jew ma' oġġett*** għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin priġunerija.

Emenda 49

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) isir abbuż minn pożizzjoni rikonoxxuta ta' fiduċja, awtorità jew influwenza fuq it-tfal għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***10 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali u ta' mill-inqas 6*** snin priġunerija***, jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***; jew	(a) isir abbuż minn pożizzjoni rikonoxxuta ta' fiduċja, awtorità jew influwenza fuq it-tfal għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***10*** snin priġunerija; jew

Emenda 50

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) isir abbuż minn sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli tat-tfal, b'mod partikolari minħabba diżabbiltà mentali jew fiżika ***jew sitwazzjoni ta' dipendenza***, ***għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 10 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali***, ***u ta' mill-inqas 6 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***; jew	(b) isir abbuż minn sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli tat-tfal, b'mod partikolari minħabba diżabbiltà mentali jew fiżika***, bħal, iżda mhux limitat għal, stat ta' telf mis-sensi***, ***intossikazzjoni, iffriżar, mard, irqad, biża' jew korriment fuq il-persuna jew sitwazzjoni ta' dipendenza, li jgħixu f'ambjent istituzzjonalizzat jew tfal imċaħħda mil-libertà***, ***għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 10 snin priġunerija***; jew

Emenda 51

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) isir użu minn ġegħil, forza jew theddid, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 12-il sena	(c) isir użu minn ġegħil, ***estorsjoni,*** forza jew theddid, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 12-il sena

priġunerija ***jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas 7 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***.

priġunerija.

Emenda 52

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-imġiba li b'ġegħil, forza jew theddid iddaħħal tfal f'attivitajiet sesswali ma' parti terza għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 12-il sena priġunerija ***jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas 7 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***.	6. L-imġiba li b'ġegħil, forza jew theddid iddaħħal tfal f'attivitajiet sesswali ma' parti terza għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 12-il sena priġunerija.

Emenda 53

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 7 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-imġiba li ġġiegħel lit-tfal taħt l-età tal-kunsens sesswali jipparteċipaw ma' persuna oħra fi kwalunkwe att ta' penetrazzjoni vaġinali, anali jew orali ta' natura sesswali, bi kwalunkwe parti tal-ġisem jew b'oġġett.	(b) l-imġiba li ġġiegħel lit-tfal taħt l-età tal-kunsens sesswali jipparteċipaw ma' persuna oħra***, jew magħhom infushom jew ma' oġġett*** fi kwalunkwe att ta' penetrazzjoni vaġinali, anali jew orali ta' natura sesswali, bi kwalunkwe parti tal-ġisem jew b'oġġett.

Emenda 54

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Jekk it-tfal ikunu qabżu l-età tal-kunsens sesswali u ma jagħtux il-kunsens għall-att, l-imġiba msemmija fil-paragrafu	8. Jekk it-tfal ikunu qabżu l-età tal-kunsens sesswali u ma jagħtux il-kunsens għall-att, l-imġiba msemmija fil-paragrafu

7 għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***10 snin*** priġunerija.	7 għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il sena*** priġunerija.

Emenda 55

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 9 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) att mhux kunsenswali huwa mifhum bħala att li jitwettaq mingħajr il-kunsens tat-tfal mogħti volontarjament, bħala riżultat tar-rieda ħielsa tal-minuri vvalutata b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni u l-kuntest, jew meta t-tfal ma jkunux jistgħu jifformaw rieda ħielsa minħabba l-preżenza taċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 5, jew minħabba ċirkostanzi oħra, inkluż il-kundizzjoni fiżika jew mentali tat-tfal bħal stat ta' telf mis-sensi, ***intossikazzjoni***, ***li wieħed ma jkunx jista' jiċċaqlaq***, mard ***jew*** korriment fuq il-persuna;	(a) ***Il-kunsens għandu jingħata volontarjament bħala riżultat tar-rieda ħielsa u għandu jiġi vvalutat b'konsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi u l-kuntest;*** att mhux kunsenswali huwa mifhum bħala att li jitwettaq mingħajr il-kunsens ***espliċitu*** tat-tfal mogħti volontarjament, bħala riżultat tar-rieda ħielsa tal-minuri vvalutata b'konsiderazzjoni tas-sitwazzjoni u l-kuntest, jew meta t-tfal ma jkunux jistgħu jifformaw rieda ħielsa minħabba l-preżenza taċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 5, jew minħabba ċirkostanzi oħra, inkluż il-kundizzjoni fiżika jew mentali tat-tfal bħal stat ta' telf mis-sensi, ***irqad***, ***biża', intossikazzjoni, sottomissjoni kimika, iffrizar***, mard***,*** korriment fuq il-persuna***, diżabbiltà jew li wieħed ikun f'sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli għal raġunijiet oħra***;

Emenda 56

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 9 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) in-nuqqas ta' ***kunsens ma jistax jiġi kkonfutat esklussivament mis-skiet tat-tfal, min-nuqqas ta' reżistenza verbali jew fiżika jew minn imġiba sesswali passata***.	(c) ***is-skiet tat-tfal,*** in-nuqqas ta' ***reżistenza verbali jew fiżika, l-imġiba sesswali passata jew kwalunkwe relazzjoni eżistenti jew passata mat-trasgressur ma jistgħux jitqiesu li jikkostitwixxu kunsens***.

Emenda 57

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-imġiba li twassal jew tirrekluta lil tfal biex jipparteċipaw f'wirjiet ta' abbuż sesswali tat-tfal , jew li tagħmel qligħ minn jew li tisfrutta b'xi mod ieħor lil tfal għal dawn il-finijiet, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 5 snin priġunerija ***jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas sentejn priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***.	2. L-imġiba li twassal jew tirrekluta lil tfal biex jipparteċipaw f'wirjiet ta' abbuż sesswali tat-tfal, jew li tagħmel qligħ minn jew li tisfrutta b'xi mod ieħor lil tfal għal dawn il-finijiet, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 5 snin priġunerija.

Emenda 58

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-imġiba li ġġiegħel jew tisforza lil tfal biex jipparteċipaw f'wirjiet ta' abbuż sesswali tat-tfal , jew li thedded lil tfal għal dawn il-finijiet, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin priġunerija ***jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas 5 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***.	3. L-imġiba li ġġiegħel jew tisforza lil tfal biex jipparteċipaw f'wirjiet ta' abbuż sesswali tat-tfal , jew li thedded lil tfal għal dawn il-finijiet, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin priġunerija.

Emenda 59

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-attendenza konxja għal wirjiet ta' abbuż sesswali tat-tfal li jinvolvu l-parteċipazzjoni ta' tfal għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sentejn priġunerija ***jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas sena priġunerija***	4. L-attendenza konxja għal wirjiet ta' abbuż sesswali tat-tfal li jinvolvu l-parteċipazzjoni ta' tfal għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sentejn priġunerija.

jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.

Emenda 60

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-imġiba li twassal jew tirrekluta lil tfal biex jipparteċipaw fl-isfruttament fil-prostituzzjoni , jew li tagħmel qligħ minn jew li tisfrutta b'xi mod ieħor lil tfal għal dawn il-finijiet, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin priġunerija ***jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, jew ta' mill-inqas 5 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***.	5. L-imġiba li twassal jew tirrekluta lil tfal biex jipparteċipaw fl-isfruttament fil-prostituzzjoni, jew li tagħmel qligħ minn jew li tisfrutta b'xi mod ieħor lil tfal għal dawn il-finijiet, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin priġunerija.

Emenda 61

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-imġiba li ġġiegħel jew tisforza lil tfal fi sfruttament permezz tal-prostituzzjoni , jew li thedded lil tfal għal dawn il-finijiet, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 10 snin priġunerija ***jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali u ta' mill-inqas 5 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***.	6. L-imġiba li ġġiegħel jew tisforza lil tfal fi sfruttament permezz tal-prostituzzjoni, jew li thedded lil tfal għal dawn il-finijiet, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 10 snin priġunerija.

Emenda 62

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali mat-tfal, fejn isir rikors għall-	7. Il-parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali mat-tfal, fejn isir rikors għall-

isfruttament permezz tal-prostituzzjoni għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin priġunerija ***jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali u ta' mill-inqas 4 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***.	isfruttament permezz tal-prostituzzjoni għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin priġunerija.

Emenda 63

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. L-imġiba li ġġiegħel jew tisforza lil tfal jikkondividu materjal intimu li juri t-tfal bit-theddida tal-kondiviżjoni tal-materjal għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin priġunerija.

Emenda 64

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7b. L-imġiba li ġġiegħel jew tisforza lil tfal jipparteċipaw f'attivitajiet sesswali fil-kuntest ta' prattika ta' terapija ta' konverżjoni għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin priġunerija.

Emenda 65

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 - paragrafu 7c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7c. Il-grooming ta' tfal bl-għan li wieħed jipparteċipa magħhom f'attivitajiet sesswali għandu jkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin priġunerija.

Emenda 66

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Id-distribuzzjoni, it-tixrid jew it-trażmissjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal għandhom ikunu punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sentejn priġunerija.	4. Id-distribuzzjoni, it-tixrid jew it-trażmissjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ***bi kwalunkwe mezz*** għandhom ikunu punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sentejn priġunerija.

Emenda 67

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-offerta, il-forniment jew l-imġiba li tagħmel disponibbli l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal għandhom ikunu punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sentejn priġunerija.	5. ***Il-hosting,*** l-offerta, il-forniment jew l-imġiba li tagħmel disponibbli l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ***bi kwalunkwe mezz*** għandhom ikunu punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sentejn priġunerija.

Emenda 68

Proposta għal direttiva
Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5a
	Reati li jikkonċernaw il-manwali ta' struzzjoni dwar l-abbuż sesswali tat-tfal
	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba intenzjonata msemmija fil-paragrafi 2 sa 4, meta titwettaq mingħajr dritt, tkun punibbli.
	2. Id-distribuzzjoni jew it-tixrid ta' manwali ta' struzzjoni dwar l-abbuż

	sesswali tat-tfal għandhom ikunu punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sentejn priġunerija.
	3. L-offerta, il-forniment jew l-imġiba li tagħmel disponibbli l-manwali ta' struzzjoni dwar l-abbuż sesswali tat-tfal għandhom ikunu punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sentejn priġunerija.
	4. Il-produzzjoni ta' manwali ta' struzzjoni dwar l-abbuż sesswali tat-tfal għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 3 snin priġunerija.
	5. L-Artikolu 5(7) u (8) għandu japplika, mutatis mutandis, għall-manwali ta' struzzjoni dwar l-abbuż sesswali tat-tfal.

Emenda 69

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) li xi ħadd jipproponi , permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, biex jiltaqa' ma' tfal online jew b'mod fiżiku , għall-fini li jwettaq kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3(4) , (5), (6) ***u*** (7) u l-Artikolu 5(6), fejn dik il-proposta tkun ġiet segwita minn atti materjali li jwasslu għal tali laqgħa, għandha tkun punibbli b'piena ta' mill-inqas sena priġunerija;	(a) li xi ħadd jipproponi, permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, biex jiltaqa' ma' tfal online jew b'mod fiżiku, għall-fini li jwettaq kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3(4), (5), (6)***,*** (7)***, (8), l-Artikolu 4(2), (3), (5), (6)*** u l-Artikolu 5(6), fejn dik il-proposta tkun ġiet segwita minn atti materjali li jwasslu għal tali laqgħa, għandha tkun punibbli b'piena ***massima*** ta' mill-inqas sena priġunerija;

Emenda 70

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) L-imġiba msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun punibbli	(b) L-imġiba msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun punibbli

b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas sentejn meta jsir użu minn imġiba ta' ġegħil, forza jew ***theddid***.	***b'piena massima*** ta' mill-inqas sentejn ***priġunerija*** meta jsir użu minn imġiba ta' ġegħil, forza***, theddid, intimidazzjoni*** jew ***grooming***.

Emenda 71

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 2 - subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li kull tentattiv permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, għall-kommissjoni tar-reati previsti fl-Artikolu 5(2) u (***3***) minn adult li jissollečita tfal għall-għoti ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ikun punibbli ***b'terminu massimu*** ta' ***priġunerija ta'*** 6 xhur .	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li kull tentattiv permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, għall-kommissjoni tar-reati previsti fl-Artikolu 5(2)***, (3)*** u (***6***) minn adult li jissollečita tfal għall-għoti ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ikun punibbli ***b'piena massima*** ta' ***mill-inqas*** 6 xhur ***priġunerija***.

Emenda 72

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li meta persuna twiegħed intenzjonalment jew tagħti flus lil kwalunkwe persuna, jew forma oħra ta' remunerazzjoni jew konsiderazzjoni, biex iġġegħelha twettaq kwalunkwe wieħed mir-reati elenkati fl-Artikolu 3(4), (5), (6), (7), u (8), l-Artikolu 4(2) ***u*** (3) u l-Artikolu 5(6) tkun punibbli b'piena massima ta' ***priġunerija ta'*** mill-inqas 3 snin.	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li meta persuna twiegħed intenzjonalment jew tagħti flus lil kwalunkwe persuna, jew forma oħra ta' remunerazzjoni jew konsiderazzjoni, biex iġġegħelha twettaq kwalunkwe wieħed mir-reati elenkati fl-Artikolu 3(4), (5), (6), (7), u (8), l-Artikolu 4(2)***,*** (3)***, (5), (6), (7)*** u l-Artikolu 5(6) tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 3 snin ***priġunerija***.

Emenda 73

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Għandu jkun fid-diskrezzjoni tal-Istati*** Membri ***li jiddeċiedu jekk*** l-Artikolu 3(2) u (***4***) ***japplikax*** għal attivitajiet sesswali kunsenswali bejn il-pari, sa fejn l-atti ma kinux jinvolvu ***abbuż***.	1. ***L-Istati*** Membri ***għandhom jiżguraw li*** l-Artikolu 3(2)***, (4)*** u (***7***) ***ma japplikax*** għal attivitajiet sesswali kunsenswali bejn il-pari, sa fejn l-atti ma kinux jinvolvu ***xi abbuż jew att ieħor li jikkostitwixxi vjolenza sesswali***.

Emenda 74

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għandu jkun fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri li jiddeċiedu jekk l-Artikolu 4(4) japplikax għal prestazzjoni li ssir fil-kuntest ta' relazzjonijiet kunsenswali fejn it-tfal ikunu laħqu l-età ta' kunsens sesswali jew bejn il-pari , sa fejn l-atti ma jinvolvux xi abbuż jew sfruttament u l-ebda flus jew forom oħra ta' rimunerazzjoni jew konsiderazzjoni ma jingħataw bħala ħlas għall-prestazzjoni .	2. Għandu jkun fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri li jiddeċiedu jekk l-Artikolu 4(4) japplikax għal prestazzjoni li ssir fil-kuntest ta' relazzjonijiet kunsenswali fejn it-tfal ikunu laħqu l-età ta' kunsens sesswali jew bejn il-pari, sa fejn l-atti ma jinvolvux xi abbuż jew sfruttament***, ġegħil, forza, theddid jew intimidazzjoni*** u l-ebda flus jew forom oħra ta' rimunerazzjoni jew konsiderazzjoni ma jingħataw bħala ħlas għall-prestazzjoni.

Emenda 75

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
fejn dak il-materjal ikun magħmul u miżmum bil-kunsens tat-tfal involuti u jkun għall-użu privat biss tal-persuni involuti, sa fejn l-atti ma kinux jinvolvu abbuż.	fejn dak il-materjal ikun magħmul u miżmum bil-kunsens tat-tfal involuti u jkun għall-użu privat biss tal-persuni involuti, sa fejn l-atti ma kinux jinvolvu abbuż***, sfruttament, ġegħil, forza, theddid jew intimidazzjoni***.

Emenda 76

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-fini tal-paragrafi 1 sa 4, tfal li jaqbżu l-età tal-kunsens sesswali jistgħu jitqiesu li jkunu taw il-kunsens tagħhom għal attività biss meta l-kunsens ikun ingħata ***volontarjament***, bħala riżultat tar-rieda ħielsa tat-tfal ivvalutata b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi u l-kuntest.	Għall-fini tal-paragrafi 1 sa 4, tfal li jaqbżu l-età tal-kunsens sesswali jistgħu jitqiesu li jkunu taw il-kunsens tagħhom għal attività biss meta l-kunsens ikun ingħata ***b'mod espliċitu u volontarju***, bħala riżultat tar-rieda ħielsa tat-tfal ivvalutata b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi u l-kuntest.

Emenda 77

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
In-nuqqas ta' ***kunsens ma jistax jiġi kkonfutat esklussivament mis-skiet tat-tfal, min-nuqqas ta' reżistenza verbali jew fiżika jew minn imġiba sesswali passata***.	***Is-skiet tat-tfal,*** in-nuqqas ta' ***reżistenza verbali jew fiżika, l-imġiba passata jew kwalunkwe relazzjoni eżistenti jew passata mat-trasgressur ma jistgħux jitqiesu li jikkostitwixxu kunsens***.

Emenda 78

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Il-kondiviżjoni*** kunsenswali ta' stampi ***jew ta'*** vidjos intimi ta' persuni ma ***tistax tiġi interpretata*** bħala kunsens għal kwalunkwe kondiviżjoni jew tixrid ulterjuri ta' dik l-istess stampa jew ***vidjo***.	6. ***Il-produzzjoni u l-kondiviżjoni*** kunsenswali ta' stampi ***u*** vidjos intimi ***jew materjal simili*** ta' persuni ma ***jistgħux jiġu interpretati*** bħala kunsens għal kwalunkwe kondiviżjoni jew tixrid ulterjuri ta' dik l-istess stampa***, vidjo*** jew ***materjal simili***.

Emenda 79

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	(ba) ir-reat twettaq fil-preżenza ta' tfal oħra;

Emenda 80

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) ir-reat ikun involva vjolenza serja jew ikkaġuna ħsara serja għat-tfal ;	(g) ir-reat ikun involva vjolenza serja jew ikkaġuna ħsara ***fiżika u/jew psikoloġika*** serja għat-tfal;

Emenda 81

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) ir-reat irriżulta f'diżabbiltà tat-tfal;

Emenda 82

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) ir-reat ikun twettaq ripetutament;	(h) ir-reat ikun twettaq ripetutament***, u/jew kontinwament fuq perjodu ta' żmien***;

Emenda 83

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ha) l-intenzjoni tar-reat kienet li jiġi mħares jew restawrat l-hekk imsejjaħ "unur" ta' persuna, familja, komunità jew grupp simili ieħor;

Emenda 84

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ja) ir-reat kien motivat mid-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' ġeneru, sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, appartenenza għal minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali;

Emenda 85

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt jb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(jb) it-trasgressur ikun, permezz ta' forza jew ġegħil, ġiegħel lil persuna waħda jew aktar jieħdu sehem fir-reat;

Emenda 86

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt jc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(jc) ir-reat twettaq fil-kuntest ta' prattika ta' terapija ta' konverżjoni.

Emenda 87

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' ***repetizzjoni*** tar-reati, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuna fiżika li ġiet ikkundannata bi kwalunkwe mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 **,** tkun tista' tiġi temporanjament jew permanentement impedita milli twettaq ***mill-inqasattivitajiet*** professjonali li jinvolvu kuntatt dirett u regolari mat-tfal.	1. Sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' ***ripetizzjoni*** tar-reati, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuna fiżika li ġiet ikkundannata bi kwalunkwe mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 tkun tista' tiġi temporanjament jew permanentement impedita milli twettaq ***mill-inqas attivitajiet*** professjonali ***u volontarji organizzati*** li jinvolvu kuntatt dirett u regolari mat-tfal.

Emenda 88

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-prosekuzzjoni ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3, l-Artikolu 4(2), (3), (5), (6) u (7) , ta' kull reat gravi msemmi fl-Artikolu 5(6) meta jkun intuża l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal imsemmi fl-Artikolu 2 , il-punti (3)(a) u (b) , u ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 7 u 8 , għal żmien suffiċjenti wara li l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri u li hu proporzjonat mal-gravità tar-reat ikkonċernat.	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-prosekuzzjoni ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3, l-Artikolu 4(2), (3), (5), (6) u (7) , ta' kull reat gravi msemmi fl-Artikolu 5(6) meta jkun intuża l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal imsemmi fl-Artikolu 2, il-punti (3)(a) u (b) , u ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 7 u 8, għal żmien suffiċjenti wara li l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri ***biex jiggarantixxu d-dritt ta' kull vittma ta' aċċess għall-ġustizzja*** u li hu proporzjonat mal-gravità tar-reat ikkonċernat.

Emenda 89

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) mill-inqas ***20*** sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 3 snin priġunerija;	(a) mill-inqas ***30*** sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 3 snin priġunerija;

Emenda 90

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) mill-inqas ***25*** sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 5 snin priġunerija;	(b) mill-inqas ***35*** sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 5 snin priġunerija;

Emenda 91

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***mill-inqas 30 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri*** għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin priġunerija.	(c) ***l-ebda perjodu ta' limitazzjoni ma għandu jkun applikat*** għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin priġunerija.

Emenda 92

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi li jinvestigaw u jipprosegwixxu kontra r-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 jkollhom biżżejjed persunal, għarfien espert u għodod investigattivi effettivi biex jinvestigaw u jipprosegwixxu b'mod effettiv kontra tali reati, inkluż dawk imwettqa permezz tal-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, f'konformità mar-regoli applikabbli tal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali. Fejn xieraq, dawn l-għodod għandhom jinkludu għodod investigattivi speċjali, bħal dawk li	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi li jinvestigaw u jipprosegwixxu kontra r-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 jkollhom biżżejjed persunal, għarfien espert u għodod investigattivi effettivi biex jinvestigaw u jipprosegwixxu b'mod effettiv kontra tali reati, inkluż dawk imwettqa permezz tal-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, f'konformità mar-regoli applikabbli tal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali. Fejn xieraq, dawn l-għodod għandhom jinkludu ***esperti forensiċi psikoloġiċi u*** għodod

jintużaw fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew każijiet oħra ta' kriminalità serja, bħall-possibbiltà li jitwettqu investigazzjonijiet taħt kopertura.	investigattivi speċjali, bħal dawk li jintużaw fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew każijiet oħra ta' kriminalità serja, bħall-possibbiltà li jitwettqu investigazzjonijiet taħt kopertura.

Emenda 93

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-professjonisti u l-voluntiera kollha li jaħdmu f'kuntatt mill-qrib mat-tfal jiġu infurmati u mħarrġa dwar kif jidentifikaw u jirrapportaw l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, skont l-aħjar interessi tat-tfal.

Emenda 94

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minbarra d-drittijiet tal-vittmi meta jagħmlu lment skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/29/UE, u l-Artikolu 5a skont id-Direttiva (UE).../... [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ta' reati], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jkunu jistgħu jirrapportaw ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 ta' din id-Direttiva lill-awtoritajiet kompetenti b'mod faċli u aċċessibbli. Dan għandu jinkludi l-possibbiltà li dawk ir-reati kriminali jiġu rrapportati, u li meta jkun fattibbli tiġi ppreżentata evidenza, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni faċilment aċċessibbli u faċli għall-utent.	1. Minbarra d-drittijiet tal-vittmi meta jagħmlu lment skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/29/UE, u l-Artikolu 5a skont id-Direttiva (UE).../... [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ta' reati], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jkunu jistgħu jirrapportaw***, permezz ta' mekkaniżmi diversifikati,*** ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 ta' din id-Direttiva lill-awtoritajiet kompetenti b'mod faċli u aċċessibbli. Dan għandu jinkludi l-possibbiltà li dawk ir-reati kriminali jiġu rrapportati, u li meta jkun fattibbli tiġi ppreżentata evidenza, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni faċilment aċċessibbli u

faċli għall-utent.

Emenda 95

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' rapportar imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu sikuri, kunfidenzjali u mfassla b'mod u b'lingwa adattata għat-tfal, f'konformità mal-età u l-maturità ***tagħhom***. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rapportar ma jkunx kundizzjonali fuq il-kunsens tal-ġenituri.	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' rapportar imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu sikuri, kunfidenzjali u mfassla b'mod u b'lingwa adattata għat-tfal, ***aċċessibbli, sensittivi għall-ġeneru u għat-trawma,*** f'konformità mal-età u l-maturità ***tal-vittma***. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rapportar ma jkunx kundizzjonali fuq il-kunsens tal-ġenituri.

Emenda 96

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Tfal vittmi ta' reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa 9 għandhom jingħataw assistenza, appoġġ u protezzjoni f'konformità mal-Artikoli 21 u 22 , b'kont meħud tal-aħjar interessi tat-tfal.	1. Tfal vittmi ta' reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa 9 għandhom jingħataw assistenza, appoġġ u protezzjoni f'konformità mal-Artikoli 21 u 22, b'kont meħud ***tad-diskriminazzjoni intersezzjonali possibbli u*** tal-aħjar interessi tat-tfal.

Emenda 97

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-forniment ta' servizzi tal-kura tas-saħħa faċilment aċċessibbli, mingħajr ħlas u komprensivi, inkluża l-kura tas-

	saħħa sesswali u riproduttiva għat-tfal vittmi ta' abbuż jew sfruttament sesswali. Dawn is-servizzi għandhom jinkludu aċċess għal abort sikur u legali, kontraċezzjoni ta' emerġenza, skrinjar u profilassi ta' wara l-esponiment għal infezzjonijiet trażmessi sesswalment.

Emenda 98

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li ***l-vittmi*** jingħataw assistenza u appoġġ speċjalizzat u adatt , qabel***,*** matul u għal perjodu ta' żmien adatt wara l-konklużjoni ***ta' proċedimenti*** kriminali sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif stipulati fid-Direttiva 2012/29/UE , fid-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tar-reati] u f'din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jiżguraw li l-vittmi tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 jkollhom aċċess għal servizzi ta' appoġġ immirati u integrati għat-tfal f'konformità mal-Artikolu 9a tad-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tar-reati]. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex jiżguraw il-protezzjoni tat-tfal li ***jirrappurtaw*** każijiet ta' abbuż li ***qed iseħħu*** fl-ambjent familjari tagħhom.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li***, malli jsir rapport, il-vittmi u s-superstiti*** jingħataw assistenza u appoġġ speċjalizzat u adatt***, inklużi servizzi sensittivi għall-ġeneru li jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-bniet u n-nisa***, ***kemm*** qabel ***kif ukoll*** matul ***il-proċedimenti kriminali*** u għal perjodu ta' żmien adatt wara l-konklużjoni ***tal-proċedimenti*** kriminali sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif stipulati fid-Direttiva 2012/29/UE, fid-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tar-reati] u f'din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jiżguraw li l-vittmi tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 jkollhom aċċess għal servizzi ta' appoġġ immirati u integrati għat-tfal f'konformità mal-Artikolu 9a tad-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tar-reati]. L-Istati Membri għandhom***, b'mod partikolari,*** jieħdu l-passi neċessarji biex jiżguraw il-protezzjoni ***u l-appoġġ speċifiku*** tat-tfal li ***jirrapportaw*** każijiet ta' abbuż li ***jseħħu*** fl-ambjent familjari tagħhom***, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali għall-fatt li dawn il-każijiet***

	jistgħu jinvolvu wkoll vjolenza abbażi tal-ġeneru.

Emenda 99

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strutturi interaġenzjali multidixxiplinari adatti għall-età biex jirrispondu għall-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal f'konformità mal-istandards mudell ta' Barnahus, filwaqt li jiżguraw li s-sensittivitajiet għall-ġeneru, għat-trawma u għad-diżabbiltà jiġu kkunsidrati meta jiġu f'kuntatt mal-vittmi, u li tali ċentri jkollhom professjonisti mħarrġa b'mod adegwat, bħala persunal.

Emenda 100

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-vittmi għandhom jingħataw kura medika koordinata u ***xierqa għall-età tagħhom***, appoġġ emozzjonali, psikosoċjali, psikoloġiku ***u*** edukattiv, kif ukoll kwalunkwe appoġġ xieraq ieħor imfassal b'mod partikolari għal sitwazzjonijiet ta' ***vjolenza domestika***.	2. Il-vittmi għandhom jingħataw kura medika ***komprensiva, speċjalista,*** koordinata***, adatta għall-età*** u ***l-ħtiġijiet tagħhom, sensittiva għall-ġeneru u għat-trawma***, ***inklużi servizzi tal-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva,*** appoġġ emozzjonali, psikosoċjali, psikoloġiku***, legali,*** edukattiv ***u amministrattiv***, kif ukoll kwalunkwe appoġġ xieraq ieħor imfassal b'mod partikolari għal sitwazzjonijiet ta' ***abbuż sesswali, b'attenzjoni speċjali għall-irkupru fit-tul tat-tfal vittmi u s-superstiti***.

Emenda 101

Proposta għal direttiva

Artikolu 21 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Fuq talba tagħhom u fuq bażi ta' nonpartečipazzjoni, il-vittmi għandhom jirċievu informazzjoni dwar kwalunkwe każ ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal li jkunu jidhru fih li jkun ġie disseminat fl-Unjoni.

Emenda 102

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. L-Istati Membri għandhom, b'mod partikolari, jieħdu azzjonijiet speċifiċi biex jassistu u jappoġġaw lill-vittmi u lis-superstiti li jkunu partikolarment vulnerabbli, inkluż minħabba diżabbiltà mentali jew fiżika f'konformità mal-Artikolu 26(c) tad-Direttiva (UE).../... [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità] tad-Direttiva Riformulata dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (2023/0250(COD)) proposta.

Emenda 103

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-familji tal-vittmi ta' abbuż sesswali għandhom jingħataw informazzjoni, appoġġ u assistenza mfassla apposta, adatti għall-età, sensittivi għall-ġeneru, infurmati dwar it-trawma u aċċessibbli.

Emenda 104

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 9 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jiżgura li l-informazzjoni miġbura tinkludi l-aħjar prattiki dwar l-indirizzar tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-bniet u n-nisa bħala vittmi ta' abbuż u sfruttament sesswali;

Emenda 105

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal vittmi jkollhom id-dritt jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali, u li jirċievu, mingħajr dewmien, appoġġ u protezzjoni xierqa fl-istadji kollha tal-investigazzjonijiet u tal-proċedimenti kriminali, filwaqt li jitqiesu l-fehmiet, il-ħtiġijiet, il-vulnerabbiltajiet u t-tħassib speċifiċi tat-tfal, bil-ħsieb li tiġi evitata l-vittimizzazzjoni sekondarja.

Emenda 106

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal vittmi jkollhom aċċess, mingħajr dewmien, għal konsulenza legali, u f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistema relevanti tal-ġustizzja, għal rappreżentanza legali, anke għall-fini li jitolbu kumpens. Il-konsulenza legali u r-rappreżentanza legali għandhom ikunu mingħajr ħlas ***fejn il-vittma ma jkollhiex***	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal vittmi jkollhom aċċess, mingħajr dewmien, għal konsulenza legali, u f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistema relevanti tal-ġustizzja, għal rappreżentanza legali, anke għall-fini li jitolbu kumpens. Il-konsulenza legali u r-rappreżentanza legali għandhom ikunu mingħajr ħlas.

riżorsi finanzjarji suffiċjenti.

Emenda 107

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jiġu introdotti miżuri biex jiġi evitat kuntatt viżwali bejn il-vittmi u l-awturi, inkluż matul l-għoti ta' xhieda, b'mezzi adatti inkluż l-użu tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni;

Emenda 108

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 3 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) jittieħdu miżuri xierqa biex jiġi żgurat li t-tfal vittmi jkunu jistgħu jikkomunikaw b'mod effettiv ix-xhieda tagħhom, inkluż l-aċċess għall-interpreti meta meħtieġ;

Emenda 109

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 3 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) l-eżamijiet mediċi tat-tfal vittmi għall-finijiet tal-proċedimenti kriminali jkunu limitati kemm jista' jkun u jitwettqu minn professjonisti mħarrġa għal dan il-għan.	(g) l-eżamijiet mediċi tat-tfal vittmi għall-finijiet tal-proċedimenti kriminali jkunu limitati kemm jista' jkun u jitwettqu minn professjonisti mħarrġa għal dan il-għan***, bl-użu ta' approċċi sensittivi għat-tfal u għall-ġeneru u infurmati dwar it-trawma, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tat-tfal b'diżabbiltà***.

Emenda 110

Proposta għal direttiva
Artikolu 23 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom iħallsu l-kumpens aġġudikat direttament lill-vittma mingħajr dewmien żejjed. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġu surrogati għad-dritt tal-vittma fir-rigward tal-awtur għall-ammont tal-kumpens aġġudikat.

Emenda 111

Proposta għal direttiva
Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) mill-inqas ***20*** sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għal reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 3 snin;	(a) mill-inqas ***30*** sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għal reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 3 snin;

Emenda 112

Proposta għal direttiva
Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) mill-inqas ***25*** sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għal reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 5 snin;	(b) mill-inqas ***35*** sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għal reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 5 snin;

Emenda 113

Proposta għal direttiva
Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***mill-inqas 30 senamid-data li fiha***	(c) ***l-ebda perjodu ta' limitazzjoni ma***

l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għal reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin.

għandu jiġi applikat għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin.

Emenda 114

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Biex jiskoraġġixxu u jnaqqsu d-domanda li trawwem kull tip ta' sfruttament sesswali tat-tfal, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa, bħall-edukazzjoni u t-taħriġ, kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni dwar il-konsegwenzi tul il-ħajja tal-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, in-natura illegali ***tiegħu***, u l-possibbiltà għal persuni li jibżgħu li jistgħu jwettqu reati relatati li jkollhom aċċess għal programmi jew miżuri apposta u effettivi ta' intervent .	1. Biex jiskoraġġixxu u jnaqqsu d-domanda li trawwem kull tip ta' sfruttament sesswali tat-tfal, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa, bħall-edukazzjoni u t-taħriġ, ***inkluża edukazzjoni sensittiva għall-ġeneru u adatta għall-età dwar is-sesswalità u r-relazzjonijiet,***kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni dwar il-konsegwenzi tul il-ħajja tal-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, in-natura illegali ***tagħhom***, u l-possibbiltà għal persuni li jibżgħu li jistgħu jwettqu reati relatati li jkollhom aċċess għal programmi jew miżuri apposta u effettivi ta' intervent ***inklużi monitoroġġ u appoġġ psikoloġiċi, filwaqt li jiġu żgurati l-kunfidenzjalità u l-anonimità***.

Emenda 115

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-azzjoni xierqa, inkluż permezz tal-Internet, bħalma huma kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni, programmi ta' riċerka, programmi jew materjal ta' edukazzjoni u ta' taħriġ , fejn xieraq f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet relevanti tas-soċjetà ċivili u partijiet ***interessati*** oħrajn, ***immirati*** biex ***iqajmu kuxjenza*** u ***jnaqqsu***	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-azzjoni xierqa, inkluż permezz tal-Internet, bħalma huma kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni, programmi u materjal ta' riċerka, edukazzjoni u taħriġ***, inkluża edukazzjoni adatta għall-età dwar is-sesswalità u r-relazzjonijiet, ibbażata fuq il-prinċipji tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, in-nondiskriminazzjoni u d-drittijiet***

r-riskju ta' tfal li jsiru vittmi ta' abbuż sesswali jew ***tal-isfruttament*** sesswali.	***fundamentali u għandhom jindirizzaw, b'mod partikolari, ir-rwol ċentrali tal-kunsens fir-relazzjonijiet sesswali, u jenfasizzaw li l-kunsens jista' jingħata biss b'mod volontarju bħala riżultat tar-rieda libera tal-persuna***, fejn xieraq f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet relevanti tas-soċjetà ċivili u partijiet ***ikkonċernati*** oħrajn, ***bl-għan li titqajjem kuxjenza*** biex ***it-tfal jiġu appoġġati jirrikonoxxu l-vjolenza sesswali, jifhmu d-drittijiet tagħhom*** u ***b'hekk inaqqsu*** r-riskju li t-tfal isiru vittmi ta' abbuż sesswali jew ***sfruttament sesswali, kemm fiżikament kif ukoll permezz tal-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali azzjoni tinkorpora perspettiva tal-ġeneru, li tindirizza l-vulnerabbiltajiet speċifiċi tal-bniet u s-subien għal forom differenti ta' abbuż u sfruttament sesswali.***

Emenda 116

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw kampanji u programmi ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn it-tfal biex iżidu l-għarfien li s-sess mhux kunsenswali huwa meqjus bħala reat, u għandhom jippromwovu l-fehim li l-kunsens irid jingħata b'mod volontarju bħala riżultat tar-rieda libera ta' persuna, ir-rispett reċiproku, u d-dritt għall-integrità sesswali u l-awtonomija fiżika. Tali materjal għandu jiġi adattat għall-evoluzzjoni tal-kapaċità tal-persuni li lilhom ikun indirizzat.

Emenda 117

Proposta għal direttiva

Artikolu 28 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom ***jippromwovu*** taħriġ regolari , inkluż ***ġustizzja*** mfassla apposta għat-tfal ***għal professjonisti***, ***imħallfin*** u ***uffiċjali*** li x'aktarx ikunu f'kuntatt mat-tfal vittmi ta' abbuż sesswali jew ***tal-isfruttament*** sesswali, inkluż , iżda mhux ***limitat għal, professjonisti għall-protezzjoni*** tat-tfal, ***professjonisti*** legali, ***għalliema*** u ***edukaturi***, ***imħallfin*** tal-qorti tal-familja u ***pulizija*** li jaħdmu f'dan il-qasam, ***bil-għan*** li jkunu jistgħu jidentifikaw u jittrattaw tfal vittmi u tfal vittmi potenzjali ta' abbuż sesswali jew ***tal-isfruttament*** sesswali.	3. L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw u jiffaċilitaw*** taħriġ regolari ***u speċjalizzat***, inkluż ***fl-oqsma tal-ġustizzja*** mfassla apposta għat-tfal ***u s-sensittività għall-ġeneru għall-professjonisti***, ***l-imħallfin*** u ***l-uffiċjali*** li x'aktarx ikunu f'kuntatt mat-tfal vittmi ta' abbuż sesswali jew ***sfruttament*** sesswali, inkluż, iżda mhux ***biss għall-professjonisti tal-protezzjoni*** tat-tfal, ***il-professjonisti*** legali, ***il-persuni li jindukraw it-tfal, il-professjonisti fil-kura tas-saħħa, l-għalliema*** u ***l-edukaturi***, ***l-imħallfin*** tal-qorti tal-familja u ***l-pulizija fl-ewwel linja*** li jaħdmu f'dan il-qasam, ***bl-għan*** li jkunu jistgħu ***jsibu s-sinjali bikrija ta' abbuż,*** jidentifikaw u jittrattaw tfal vittmi u tfal vittmi potenzjali ta' abbuż sesswali jew ***sfruttament*** sesswali. ***Tali taħriġ għandu jkun ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, iffukat fuq il-vittmi u sensittiv għall-ġeneru, għad-diżabbiltà u għat-tfal.***

Emenda 118

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex ***itejbu l-prevenzjoni*** tal-abbuż sesswali tat-tfal ***f'ambjenti*** komunitarji, inklużi ***skejjel***, ***sptarijiet***, ***servizzi tal-kura*** soċjali, ***klabbs*** sportivi jew ***komunitajiet*** reliġjużi.	L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex ***jiżguraw il-prevenzjoni*** tal-abbuż sesswali tat-tfal ***fl-ambjenti*** komunitarji ***kollha u fl-organizzazzjonijiet kollha li l-persunal u l-voluntiera tagħhom jaħdmu f'kuntatt mill-qrib mat-tfal***, inklużi ***l-iskejjel***, ***l-isptarijiet***, ***iċ-ċentri tal-indukrar ta' matul il-jum, is-servizzi tal-assistenza*** soċjali, ***il-klabbs*** sportivi jew ***il-komunitajiet*** reliġjużi.

Emenda 119

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) taħriġ u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni għall-persunal li ***jaħdem f'tali ambjenti***;	(a) taħriġ u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni ***mfassla apposta*** għall-persunal ***u l-voluntiera*** li ***jaħdmu f'kuntatt mill-qrib mat-tfal, inkluż dwar kif għandhom jipprevjenu, jidentifikaw u jipprovdu rispons adatt għall-età, sensittiv għall-ġeneru u infurmat dwar it-trawma għall-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal***;

Emenda 120

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-miżuri ta' prevenzjoni għandhom jiddedikaw attenzjoni partikolari għall-ħtieġa li jiġu protetti t-tfal li huma partikolarment vulnerabbli, inklużi tfal ***b'diżabilitajiet*** mentali jew fiżiċi.	Il-miżuri ta' prevenzjoni għandhom jiddedikaw attenzjoni partikolari għall-ħtieġa li jiġu protetti t-tfal li huma partikolarment vulnerabbli, inklużi tfal ***minn minoranzi razzjali u etniċi, tfal f'kuntesti ta' migrazzjoni, tfal LGBTIQ+, tfal li jgħixu fil-faqar u tfal b'diżabbiltajiet*** mentali jew fiżiċi ***jew fi stat ta' saħħa vulnerabbli***.

Emenda 121

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 5 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jappoġġahom fl-iżvilupp ta' kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni.

Emenda 122

Proposta għal direttiva

Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-programmi ta' intervent imposti mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti taħt il-liġi nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jkunu disponibbli programmi jew miżuri effettivi u apposta ta' intervent biex jimpedixxu u jimminimizzaw ir-riskji ta' reati ripetuti ta' natura sesswali kontra t-tfal. Tali programmi jew miżuri għandhom ikunu aċċessibbli fi kwalunkwe ħin matul il-proċedimenti kriminali, u għandhom ikunu disponibbli kemm ġewwa u kif ukoll barra mill-ħabs, f'konformità mal-liġi nazzjonali.	1. Mingħajr preġudizzju għall-programmi ta' intervent imposti mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti taħt il-liġi nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jkunu disponibbli programmi jew miżuri effettivi u apposta ta' intervent biex jimpedixxu u jimminimizzaw ir-riskji ta' reati ripetuti ta' natura sesswali kontra t-tfal. Tali programmi jew miżuri għandhom ikunu aċċessibbli fi kwalunkwe ħin matul il-proċedimenti kriminali, u għandhom ikunu disponibbli kemm ġewwa u kif ukoll barra mill-ħabs, f'konformità mal-liġi nazzjonali. ***L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni tat-trasgressuri f'dawk il-programmi.***

Emenda 123

Proposta għal direttiva
Artikolu 31 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-istatistika għandha tinkludi d-data li ġejja diżaggregata skont is-sess, l-età tal-vittma u tat-trasgressur, ir-relazzjoni bejn il-vittma u t-trasgressur ***u t-tip*** ta' reat:	2. L-istatistika għandha tinkludi d-data li ġejja diżaggregata ***mill-inqas*** skont is-sess ***jew il-ġeneru***, l-età tal-vittma u tat-trasgressur, ir-relazzjoni bejn il-vittma u t-trasgressur***, it-tip*** ta' reat ***u ċ-ċirkostanzi aggravanti***:

Emenda 124

Proposta għal direttiva
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-għadd annwali ta' persuni ***prosegwiti*** u kkundannati għar-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9, miksuba minn sorsi amministrattivi nazzjonali;	(b) l-għadd annwali ta' ***reati rrapportati u ta'*** persuni ***mressqa għall-prosekuzzjoni*** u kkundannati għar-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9, miksuba minn

sorsi amministrattivi nazzjonali;

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-opinjoni:

Entità u/jew persuna
The French Coordination for the European Women's Lobby
ECLAG - Ending Child Sexual Abuse Group

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titlu	Il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, u s-sostituzzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI (riformulazzjoni)
Referenzi	COM(2024)0060 – C9-0028/2024 – 2024/0035(COD)
Kumitati responsabbli	LIBE
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	FEMM 25.4.2024
Rapporteur għall-opinjoni Data tal-ħatra	Heléne Fritzon 21.11.2024
Eżami fil-kumitat	27.1.2025
Data tal-adozzjoni	3.3.2025
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25 –: 2 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Mathilde Androuët, Irmhild Boßdorf, Margarita de la Pisa Carrión, Rosa Estaràs Ferragut, Viktória Ferenc, Heléne Fritzon, Lina Gálvez, Alexandra Geese, Arba Kokalari, Elena Kountoura, Judita Laššáková, Eleonora Meleti, Irene Montero, Carolina Morace, Alessandra Moretti, Maria Noichl, Mirosława Nykiel, Sirpa Pietikäinen, Emma Rafowicz, Benedetta Scuderi, Laurence Trochu, Maria Walsh, Lucia Yar, Dainius Žalimas
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Veronika Cifrová Ostrihoňová, Elisabeth Grossmann, Verena Mertens, Jana Toom, Jadwiga Wiśniewska
Membri skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta' Proċedura preżenti għall-votazzjoni finali	Jorge Buxadé Villalba, Bert-Jan Ruissen

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

25	+
NI	Judita Laššáková
PPE	Rosa Estaràs Ferragut, Arba Kokalari, Eleonora Meleti, Verena Mertens, Mirosława Nykiel, Sirpa Pietikäinen, Maria Walsh
PfE	Mathilde Androuët, Viktória Ferenc
Renew	Veronika Cifrová Ostrihoňová, Jana Toom, Lucia Yar, Dainius Žalimas
S&D	Heléne Fritzon, Lina Gálvez, Elisabeth Grossmann, Alessandra Moretti, Maria Noichl, Emma Rafowicz
The Left	Elena Kountoura, Irene Montero, Carolina Morace
Verts/ALE	Alexandra Geese, Benedetta Scuderi

2	-
PfE	Jorge Buxadé Villalba, Margarita de la Pisa Carrión

4	0
ECR	Bert-Jan Ruissen, Laurence Trochu, Jadwiga Wiśniewska
ESN	Irmhild Boßdorf

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni